VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,965, 14 ta' Settembru, 2012
Taqsima B

A.L. 296 tal-2012

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti tal-2012 dwar il-Liċenzjar, Akkreditament u Assikurazzjoni ta' Kwalità fl-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 135(t) tal-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 dwar il-Liċenzjar, Akkreditament u Assikurazzjoni ta' Kwalità fl-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla.

Applikabiltà.

2. Dawn ir-regolamenti japplikaw għal dawk kollha li jipprovdu, jew ikunu jridu jipprovdu edukazzjoni avvanzata jew ogħla f'Malta, inklużi provdituri mwaqqfa taħt l-Att dwar l-Edukazzjoni jew regolamenti magħmulin taħtu jew b'kull Att ieħor.

TAQSIMA I

PRELIMINARI

Tifsir.

3. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"aġent" tfisser persuna, kemm ġewwa kemm barra minn Malta, li tirrappreżenta provditur, taġixxi f'isem provditur, jew tagħti x'jifhem li tkun qiegħda tagħmel dan f'relazzjonijiet transkonfini rilevanti għall-provditur;

"aġenzija barranija rikonoxxuta ta' assikurazzjoni ta' kwalità jew ta' akkreditament" tfisser aġenzija ta' assikurazzjoni ta' kwalità jew ta' akkreditament rikonoxxuta mill-iStat tal-pajjiz ta' oriġni tagħha bħala aġenzija uffiċjali ta' assikurazzjoni ta' kwalità jew ta' akkreditament għal provdituri jew programmi ta' edukazzjoni avvanzata jew ogħla;

"akkreditament" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-artikolu 63 tal-Att;

"akkreditament tal-programm" tfisser għarfien formali, maħruġ mill-Kummissjoni skont dawn ir-regolamenti, tal-i*status*, legittimità u dwar kemm ikun adatt programm;

"akkreditament tal-provditur" tfisser għarfien formali, maħruġ mill-Kummissjoni skont dawn ir-regolamenti, tal-i*status*, legittimità u

dwar kemm ikun adatt provditur;

"assikurazzjoni ta' kwalità" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-artikolu 63 tal-Att;

"assikurazzjoni ta' kwalità interna" tfisser proċess ta' evalwazzjoni ta' kwalità interna li jsir minn provditur u li jkun istituzzjonalizzat fi ħdan l-istruttura, il-politika u l-operazzjonijiet tal-provditur;

Kap. 327. "l-Att" tfisser l-Att dwar l-Edukazzjoni;

"dokument" tinkludi kopja ta' dokument;

"detentur ta' liċenza" tfisser provditur li tkun inħarġitlu liċenza mill-Kummissjoni skont dawn ir-regolamenti;

"edukazzjoni avvanzata" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-artikolu 63 tal-Att;

"edukazzjoni mhux obbligatorja" tfisser edukazzjoni li sservi biex tinkiseb kwalifika klassifikata f'xi livell tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki jew ta' xi qafas tal-kwalifiki barrani rikonoxxut, esklużа kull kwalifika li tinkiseb mat-tmiem tal-edukazzjoni obbligatorja provduta skont il-qafas tal-kurrikulu nazzjonali mwaqqaf taħt l-artikolu 47 tal-Att;

"edukazzjoni ogħla" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-artikolu 63 tal-Att;

"eżitu tat-tagħlim" għandha t-tifsira mogħtija lilha bl-Att jew b'kull regolament magħmul taħtu għall-fini li jiġi stabbilit il-Qafas Malti tal-Kwalifiki;

"fond" tfisser biċċa art jew kull post ieħor, sħaħ jew parti minnhom, kemm jekk huma jew m'humiex magħluqin jew mibnija, bini jew struttura oħra, jew vettura jew opra tal-baħar;

"ħlas għat-tagħlim" tfisser il-ħlas li provditur jirċievi direttament jew indirettament, mingħand student, student kandidat, jew xi persuna oħra li tħallas f'isem student jew student kandidat, għal kollox jew biss f'parti, għal programm li l-provditur jkun qiegħed joffri jew jipprovdi lill-istudent. Il-ħlas għat-tagħlim jinkludi wkoll dan li ġej:

(a) kull ammont li l-provditur jirċievi biex iħallas, f'isem student, lil xi terza persuna kif maqbul mal-istudent jew rappreżentant jew il-kustodju legali tal-istudent fi ftehim bil-

miktub; u

(b) kull ammont ieħor li l-istudent ikollu jħallas lill-provditur, direttament jew indirettament, biex ikun jista' jsegwi l-programm;

"korp ta' persuni" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-artikolu 2 tal-Att;

"kreditu" tfisser espressjoni kwantifikata tal-volum ta' tagħlim bażat fuq il-kisbiet ta' eżiti tat-tagħlim u l-ammont ta' ħidma assoċjata magħhom;

"il-Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla mwaqqfa bl-artikolu 64 tal-Att;

"kwalifika" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-artikolu 63 tal-Att;

"kwalifika barranija" tfisser kwalifika mogħtija barra minn Malta u klassifikata fi ħdan qafas tal-kwalifiki rikonoxxut;

"kwalifika nazzjonali" tfisser kwalifika mogħtija f Malta u klassifikata f'livell tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki;

"liċenza" tfisser liċenza maħruġa lil provditur skont dawn ir-regolamenti li tawtorizza lil provditur jipprovdi edukazzjoni avvanzata jew ogħla f'Malta;

"linji gwida" tfisser ġabra ta' regoli u ħtiġiet maħruġa mill-Kummissjoni minn żmien għal żmien għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

"livell komparabbli" tfisser it-tqabbil tal-livell ta' kwalifika barranija mal-livell ta' kwalifika nazzjonali;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni;

"programm" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-artikolu 63 tal-Att;

"programm akkreditat" tfisser programm li jkun kiseb l-akkreditament tal-programm skont dawn ir-regolamenti;

"provditur" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-artikolu 63 tal-Att;

"provditur akkreditat" tfisser provditur li jkun kiseb l-

akkreditament tal-provditur skont dawn ir-regolamenti;

"provditur li jagħti r-rikonoxximent" tfisser il-provditur li jkun responsabbli għall-ħruġ tal-kwalifika rikonoxxuta;

"provditur li jagħti r-rikonoxximent tiegħu nnifsu" tfisser provditur li jipprovdi programmi li jwasslu għal kwalifiki mogħtija u maħruġin minnu;

"provditur li ma jagħtix rikonoxximent tiegħu nnifsu" tfisser provditur li jipprovdi programmi li jwasslu għal kwalifiki li jingħataw minn terza persuna;

"provvista" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-artikolu 63 tal-Att;

"qafas tal-kwalifiki barrani rikonoxxut" tfisser qafas ta' kwalifiki uffiċjalment adottat barra minn Malta u strutturat b'mod li jikkompara mal-Qafas Malti tal-Kwalifiki;

"il-Qafas Malti tal-Kwalifiki" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-artikolu 63 tal-Att;

"sservi biex tinkiseb" tfisser li twassal jew tħejji għall-ksib ta' kwalifika;

"student barrani" tfisser persuna li tkun ġewwa jew barra minn Malta, li ma tkunx ċittadin ta' Malta u li tkun reġistrata ma' provditur f'Malta;

"student ġej minn pajjiż terz" tfisser persuna li tkun ġewwa jew barra minn Malta, li ma tkunx ċittadin ta' pajjiż fi ħdan l-Unjoni Ewropea u li tkun reġistrata ma' provditur f'Malta;

"student kandidat" tfisser persuna, li tkun ġewwa jew barra minn Malta, li jkollha l-ħsieb li ssir, jew li tkun ħadet passi biex tirreġistra, bħala student ma' provditur f'Malta;

"tagħlim" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-artikolu 63 tal-Att;

"tagħlim formali" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-artikolu 63 tal-Att;

"Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni; Kap. 217.

"verifika tal-kwalità" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-

artikolu 63 tal-Att;

"verifika tal-kwalità tal-programm" tfisser verifika tal-kwalità tal-komponenti u l-attivitajiet fi ħdan programm u l-faċilitajiet li jkunu disponibbli għaldaqstant;

"verifika tal-kwalità tal-provditur" tfisser verifika tal-kwalità tal-operat ta' provditur, inklużi l-organizzazzjoni, l-istrateġija, il-politika, il-proċeduri, l-affarijiet finanzjarji, l-immaniġġjar u l-faċilitajiet tiegħu;

"visa ta' student" tfisser id-dokument maħruġ mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni li jippermetti lil individwu jidħol u jibqa' f'Malta għall-finijiet ta' studju, għaż-żmien speċifiku indikat fih.

Awtorità kompetenti għal liċenzjar, akkreditament u assikurazzjoni ta' kwalità.

4. (1) Skont kif previst fl-artikolu 65 tal-Att, il-Kummissjoni tkun l-awtorità kompetenti għal liċenzjar, akkreditament u assikurazzjoni ta' kwalità ta' provdituri u programmi.

(2) Meta ssir referenza f'dawn ir-regolamenti għal konformità mal-linji gwida magħmulin u pubblikati mill-Kummissjoni, il-Kummissjoni tkun awtorizzata toħroġ, temenda u tirrevoka linji gwida kif tqis li jkun adatt għall-fini tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rispettivi ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Għall-finijiet tal-funzjonijiet tagħha ta' akkreditament u ta' assikurazzjoni esterna ta' kwalità, il-Kummissjoni għandha tkun biżżejjed indipendenti mill-Gvern, mill-provdituri kif ukoll mill-kummerċ, industrija u assoċjazzjonijiet professjonali f'kull operat tagħhom u deċiżjonijiet li jieħdu.

(4) Skont kif previst fl-artikolu 69(10) tal-Att, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Kumitat għall-Assikurazzjoni ta' Kwalità biex twettaq il-funzjonijiet tagħha ta' liċenzjar, akkreditament u assikurazzjoni ta' kwalità taħt dawn ir-regolamenti. Id-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Kumitat għall-Assikurazzjoni ta' Kwalità jkunu jeħtieġu li jiġu adottati mill-Kummissjoni għall-validità u l-infurzar tagħhom:

Iżda referenza għal "il-Kummissjoni" taħt dawn ir-regolamenti għandha tiftiehem bħala referenza għall-Kumitat għall-Assikurazzjoni ta' Kwalità, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra.

(5) Il-Kumitat għall-Assikurazzjoni ta' Kwalità msemmi fis-subregolament (4) għandu jikkompila u jibgħat lill-Kummissjoni

rapport annwali, mhux iżjed tard minn erba' ġimgħat wara tmiem kull sena finanzjarja, dwar l-attivitajiet tiegħu matul dik is-sena, inklużi kull politika, funzjoni u pjan għall-ġejjieni tal-Kumitat għall-Assikurazzjoni ta' Kwalità. Dak ir-rapport għandu jiġi integrat mar-rapport annwali li għandu jiġi kompilat u mibgħut mill-Kummissjoni lill-Ministru skont l-artikolu 66 tal-Att:

Iżda dak ir-rapport annwali jista' jinkludi affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-assikurazzjoni ta' kwalità u akkreditament, inklużi l-i*standards* u l-eżiti tas-sistema ta' edukazzjoni avvanzata u ogħla Maltija, il-proċessi u l-pożizzjoni internazzjonali ta' Malta u l-impatt ta' dawn ir-regolamenti u kull linja gwida maħruġa taħt dawn ir-regolamenti fuq l-edukazzjoni avvanzata u ogħla Maltija, billi tintuża informazzjoni disponibbli permezz tal-verifiki tal-kwalità u l-akkreditament, u minn sorsi oħra.

Il-Kummissjoni tista' tagħmel kull ftehim ma' korpi settorali.

(6) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha bħala l-awtorità kompetenti għal liċenzjar, akkreditament u assikurazzjoni ta' kwalità ta' provdituri u programmi taħt dawn ir-regolamenti, il-Kummissjoni għandha tagħmel kull ftehim ma' korpi settorjali li jkunu jaħdmu f'xogħol li b'xi mod ikollu x'jaqsam mar-regolamentazzjoni, is-superviżjoni, is-sorveljar jew il-kwalità tal-provdiment ta' edukazzjoni avvanzata jew ogħla, bil-għan li titwaqqaf sistema għal dawk il-korpi settorjali biex jassistu l-Kummissjoni fil-funzjonijiet tagħha taħt dawn ir-regolamenti.

TAQSIMA II

LIĊENZJAR TA' PROVDITURI

Ħtieġa ta' liċenza.

5. (1) Kull provditur li jipprovdi edukazzjoni avvanzata jew ogħla f'Malta jew minn Malta jkun jeħtieġ liċenza maħruġa mill-Kummissjoni biex jopera f'Malta. Liċenza biex tiġi provduta edukazzjoni avvanzata jew ogħla taħt dawn ir-regolamenti għandha biss tinħareġ, tiġġedded, tinbidel jew tiġi estiża jekk il-provditur iħares id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda jkun illegali li provditur li ma jkollux liċenza jipprovdi edukazzjoni avvanzata jew ogħla f'Malta jew barra minn Malta, sew b'arranġament ma' detentur ta' liċenza sew xort'oħra.

(2) Provditur għandu jwettaq l-attivitajiet tiegħu f'Malta biex ikun eliġibbli biex japplika għal liċenza:

Iżda dawn ir-regolamenti ma jipprekludux li s-sidien ikunu barranin.

(3) Skont kif previst fir-regolament 8(3), ikunu meħtieġa l-

akkreditamenti tal-provditur u tal-programm miksubin taħt dawn ir-regolamenti sabiex provditur ikun jista' japplika għall-liċenza msemmija fis-subregolament (1). Il-validità ta' dik il-liċenza tkun tiddependi mill-kontinwazzjoni tal-applikabilità ta' akkreditament abbażi ta' verifiki tal-kwalità perjodiċi skont ir-regolament 37(1)(ċ).

(4) Meta provditur ikun kiseb liċenza taħt dawn ir-regolamenti, dak il-provditur ikun projbit milli jipprovdi programmi ta' edukazzjoni avvanzata jew ogħla f'livell tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki li ma jkunx indikat f'dik il-liċenza.

(5) Il-provdituri kollha għandhom iħarsu d-dispożizzjonijiet kollha ta' dawn ir-regolamenti u ta' kull linji gwida magħmulin mill-Kummissjoni taħt dawn ir-regolamenti minn żmien għal żmien.

(6) Kull provditur li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew ma' xi linji gwida stabbiliti mill-Kummissjoni skont dawn ir-regolamenti jeħel piena amministrattiva ta' mhux iżjed minn erbat elef euro (€4,000). Il-Kummissjoni tkun responsabbli biex timponi dawk il-pieni u għall-infurzar tagħhom fuq kull persuna li tikser dawn ir-regolamenti u l-linji gwida msemmija fis-subregolament (5), kont meħud tal-gravità tan-nuqqas ta' konformità u ta' kull ħlas li jkun sar lil dak il-provditur għat-twettiq ta' xi programm ta' edukazzjoni avvanzata jew ogħla:

Iżda qabel ma timponi pieni skont dan ir-regolament, il-Kummissjoni għandha tippermetti li l-provditur jingħata perjodu ta' żmien kif imiss biex jikkonforma ruħu mas-subregolament (5).

Eċċezzjonijiet u esklużjonijiet.

6. (1) Il-provdituri li jkunu qegħdin jipprovdu dawn it-tipi ta' programmi li ġejjin ma jkunux jeħtieġu liċenza maħruġa taħt dawn ir-regolamenti biex jipprovdu dawn il-programmi:

(a) programmi jew korsijiet qosra li jwasslu għal ċertifikat ta' attendenza;

(b) programmi jew korsijiet ta' żvilupp professjonali kontinwu li jkunu regolati minn korpi ta' akkreditament professjonali;

(ċ) kull xorta ta' programm li ma jkunx intiż li jservi biex tinkiseb kwalifika klassifikata fi ħdan il-Qafas Malti tal-Kwalifiki jew qafas tal-kwalifiki barrani rikonoxxut;

(d) programmi żviluppati u provduti minn xi kumpannija għal finijiet ta' proprjetà, jew provduti minn korpi jew entitajiet oħra f'isimha, u għal użu esklużiv fi ħdan dik il-kumpannija, u dawk il-finijiet ta' proprjetà għandhom ikunu

riflessi fl-isem taċ-ċertifikat jew ta' xi forma oħra ta' rikonoxximent miksub wara li dak il-programm ikun intemm b'suċċess:

Iżda provdituri li jkunu qegħdin jipprovdu l-programmi msemmija f'dan ir-regolament għandhom jiksbu akkreditament u japplikaw għal liċenza taħt dawn ir-regolamenti meta huma jkunu jeħtieġu li dawk il-programmi iservu biex jinkisbu kwalifiki klassifikati fi ħdan il-Qafas Malti tal-Kwalifiki jew xi qafas tal-kwalifiki barrani rikonoxxut.

(2) Il-Kummissjoni tista' tagħmel linji gwida biex teżenta lil ċentri ta' edukazzjoni avvanzata, kif imfissra fit-Tieni Skeda, mill-ħtiġiet ta' akkreditament tal-provditur jew tal-programm jew tal-assikurazzjoni ta' kwalità taħt dawn ir-regolamenti.

Dubju raġonevoli.

7. Fil-każ ta' dubju raġonevoli jekk xi attività tkunx tikkostitwixxi att ta' provdiment ta' edukazzjoni avvanzata jew ogħla, jew jekk l-attività ta' provditur tkun jew ma tkunx qiegħda ssir f'Malta jew minn Malta, il-kwistjoni għandha tiġi deċiża finalment mill-Kummissjoni.

Applikazzjoni għal liċenza.

8. (1) Kull provditur ġdid jew provditur li ma jkollux liċenza li jkun irid jikseb liċenza, jew detentur ta' liċenza li jkun irid iġedded jew jibdel il-liċenza tiegħu jew jestendi l-kategorija li jkollu l-liċenza tiegħu taħtha skont dawn ir-regolamenti, ikun meħtieġ japplika għand il-Kummissjoni għal dak l-għan.

(2) Il-Kummissjoni tista' tikkonċedi jew tiċħad applikazzjoni magħmula taħt is-subregolament (1) skont kif previst f'dawn ir-regolamenti.

(3) Skont kif hemm fir-regolament 5(3), qabel ma ssir applikazzjoni taħt is-subregolament (1), il-provdituri li jkunu jridu jagħmlu dik l-applikazzjoni jkunu meħtieġa jiksbu kemm l-akkreditament tal-provditur kif ukoll l-akkreditament tal-programm taħt dawn ir-regolamenti.

(4) Għall-fini li jwettqu l-ħtiġiet tar-regolament 5(3) u tas-subregolament (3), akkreditament tal-programm għall-programmi kollha offruti mill-provditur għandu jinħareġ abbażi ta' verifiki tal-kwalità ta' kampjun tal-programmi offruti mill-provditur, u dak il-kampjun jiġi stabbilit mill-Kummissjoni u għandu, f'kull każ, ikun jimplika perċentwali simili ta' programmi għall-provdituri kollha.

(5) Minkejja l-ġeneraliità tad-dispożizzjonijiet tar-regolament 5(3) u tas-subregolament (3), meta provditur jipprovdi edukazzjoni avvanzata jew ogħla li sservi biex tinkiseb kwalifika ta' edukazzjoni

avvanzata jew ogħla biss f'parti, "akkreditament tal-programm" għandha tiftiehem bħala li tirreferi għal dik il-parti tal-programm provduta. Dik il-parti tal-programm għandha tkun akkreditata bħala "modulu ta' edukazzjoni avvanzata" jew "modulu ta' edukazzjoni ogħla" kif imfissra fit-Tielet Skeda:

Iżda dawk il-moduli ta' edukazzjoni avvanzata jew ogħla jistgħu jiġu biss offruti minn provdituri li fl-istess ħin jipprovdu programmi sħaħ ta' edukazzjoni avvanzata jew ogħla rispettivament, kif imfissra fit-Tielet Skeda.

Provdituri akkreditati minnhom infushom.

(6) Minkejja l-ġeneralità tad-dispożizzjonijiet tar-regolament 5(3) u tas-subregolament (3), provdituri stabbiliti bl-Att jew b'regolamenti magħmulin taħtu, jew b'kull liġi oħra, u li jingħataw l-i*status* ta' provditur akkreditat minnu nnifsu kif imfisser fl-Ewwel Skeda għandhom ikunu eżenti mill-ħtieġa tal-akkreditament għall-ewwel darba:

Iżda provditur akkreditat minnu nnifsu għandu jkun meħtieġ jirrevedi dak l-i*status* permezz ta' verifiki tal-kwalità tal-provditur u tal-programm li jsiru skont ir-regolament 37(1)(ċ), li jsiru qabel l-iskadenza ta' ħames snin mid-data li fiha jiġu fis-seħħ dawn ir-regolamenti, u ta' kull ħames snin minn żmien għal żmien wara dan:

Iżda wkoll fil-każ ta' eżitu negattiv ta' verifiki tal-kwalità bħal dawn, il-Kummissjoni tista' timponi kull kundizzjoni jew restrizzjoni li hija tista' tqis li tkun meħtieġa, skont ir-regolamenti 12 u 13 rispettivament, fuq dawk il-provdituri akkreditati minnhom infushom.

Applikazzjoni għal estensjoni ta' liċenza.

(7) Għall-fini li jitwettqu l-ħtiġiet tar-regolament 5(3) u tas-subregolament (3), meta provditur li diġà jkollu liċenza f'xi kategorija waħda jew aktar mill-kategoriji ta' liċenza msemmija fit-Tieni Skeda japplika biex il-liċenza tiegħu tiġi estiża għal kategorija oħra ta' liċenza, il-Kummissjoni tista' teżenta lill-provditur milli jagħmel verifika tal-kwalità tal-provditur biex isservi bħala l-bażi biex tiġi estiża l-liċenza tal-provditur għall-kategorija l-ġdida:

Iżda l-Kummissjoni tista' hekk teżenta lil provditur milli jagħmel verifika tal-kwalità tal-provditur addizzjonali biss jekk din tkun sodisfatta, abbażi ta' verifiki tal-kwalità tal-programm mwettqa għall-fini ta' valutazzjoni ta' programmi ġodda li jkunu ser jiġu offruti mill-provditur, u abbażi ta' verifika preċedenti tal-kwalità tal-provditur, li dik il-verifika tal-kwalità tal-provditur ma tkunx meħtieġa fiċ-ċirkostanzi:

Iżda wkoll, f'dak il-każ, il-Kummissjoni tista' toħroġ akkreditament tal-provditur provviżorju skont ir-regolament 34(2)(d), għaż-żmien li jifdal sad-data meta jiskadi l-akkreditament tal-

provditur eżistenti tal-provditur, kif tqis li jkun adatt. Abbażi ta' dak l-akkreditament tal-provditur provviżorju, il-Kummissjoni għandha toħroġ estensjoni provviżorja tal-liċenza tal-provditur, u dik l-estensjoni provviżorja għandha tkun valida għall-istess perjodu tal-akkreditament provviżorju.

(8) Il-Kummissjoni għandha tagħmel u tippubblika linji gwida biex tistabbilixxi xi tkun dik l-informazzjoni li jkollha tiġi provduta għall-fini ta' applikazzjoni li ssir taħt is-subregolament (1):

Iżda, permezz ta' dawk il-linji gwida, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi ħtiġiet ta' informazzjoni differenti għall-kategoriji differenti ta' detenturi ta' liċenza msemmija fit-Tieni Skeda.

(9) Applikazzjoni magħmula taħt is-subregolament (1) tista' biss tiġi rtirata permezz ta' avviż bil-miktub mogħti lill-Kummissjoni f'xi żmien qabel ma tkun inħarġet jew ġiet miċħuda il-liċenza.

(10) Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar kull applikazzjoni magħmula taħt is-subregolament (1) fi żmien tletin ġurnata tax-xogħol minn meta taslilha l-applikazzjoni jew, jekk l-applikazzjoni ma tkunx konformi mas-subregolament (3) jew jekk tkun meħtieġa informazzjoni addizzjonali, fi żmien tletin ġurnata minn meta jitħares dak is-subregolament jew tingħata dik l-informazzjoni addizzjonali, kif ikun il-każ.

Ħruġ ta' liċenza.

9. (1) Provditur għandu japplika għal liċenza biex jopera f'xi waħda jew aktar minn dawn il-kategoriji ta' provdituri ta' liċenza li ġejjin kif imfissra fit-Tieni Skeda:

(a) Università;

(b) Istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla;

(ċ) Istituzzjoni ta' edukazzjoni avvanzata;

(d) Ċentru ta' edukazzjoni avvanzata; jew

(e) Ċentru tat-tagħlim tal-Ingliż bħala lsien barrani:

Iżda provditur għandu jkun korp ta' persuni biex tkun tista' tinħariġlu liċenza fil-kategoriji msemmija fil-paragrafi (a), (b) jew (ċ) u provditur għandu jkun individwu biex tkun tista' tinħariġlu liċenza fil-kategorija msemmija fil-paragrafu (d).

(2) Il-liċenza maħruġa mill-Kummissjoni għandha tkun tawtorizza lil provditur jopera f'xi waħda jew aktar mill-kategoriji msemmija fis-subregolament preċedenti u joffri programmi ta'

edukazzjoni avvanzata jew ogħla klassifikati f'livelli speċifikati tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki.

(3) Il-Kummissjoni tista' toħroġ liċenza provviżorja meta jkun ingħata akkreditament tal-provditur provviżorju skont ir-regolament 34(2)(d).

(4) Liċenza maħruġa taħt dawn ir-regolamenti għandha tinħareġ fil-isem il-provditur u għandha tiġi assenjata numru tal-liċenza.

(5) Liċenza maħruġa taħt dawn ir-regolamenti għandha tindika dan li ġej:

(a) in-numru tal-liċenza;

(b) l-isem tal-provditur;

(ċ) l-isem tal-persuna vestita bir-rappreżentanza legali tal-provditur;

(d) il-kategorija jew kategoriji li fihom tkun inħarġet il-liċenza, skont il-kategoriji msemmija fis-subregolament (1);

(e) il-programmi ta' edukazzjoni avvanzata jew ogħla, identifikati permezz tal-livell tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki rispettiv tagħhom, li d-detentur ta' liċenza jkun awtorizzat jipprovdi permezz ta' dik il-liċenza; u

(f) kull kundizzjoni jew restrizzjoni imposta fuq id-detentur ta' liċenza skont ir-regolamenti 12 u 13.

(6) Il-Kummissjoni għandha tagħmel u tippubblika linji gwida li jistabbilixxu xi tkun dik l-informazzjoni li għandha tiġi provduta ta' kull sena mid-detenturi ta' liċenza:

Iżda, permezz ta' dawk il-linji gwida, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi ħtiġiet ta' informazzjoni differenti għal kategoriji ta' detenturi ta' liċenza differenti msemmija fit-Tieni Skeda.

Reġistru ta' provdituri liċenzjati u akkreditati.

10. Il-provdituri kollha li jkollhom liċenza f'Malta għandhom jiddaħħlu fir-reġistru ta' provdituri liċenzjati u akkreditati li jkunu joperaw f'Malta li jinżamm u jiġi pubblikat mill-Kummissjoni skont l-artikolu 66 tal-Att.

Ċħid milli tinħareġ, tiġġedded, tinbidel jew tiġi estiża liċenza.

11. (1) Il-Kummissjoni tista' tiċħad li toħroġ, iġġedded, tibdel jew testendi liċenza f'dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) jekk jirriżulta li l-provditur li jkun applika jkun qed

jikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew ta' xi linji gwida magħmulin u pubblikati mill-Kummissjoni skont dawn ir-regolamenti;

(b) jekk tkun sodisfatta li xi persuna impjegata jew proposta li tkun impjegata mill-provditur f'xi pożizzjoni ta' tmexxija ma tkunx ta' mġiba tajba jew tkun instabet ħatja ta' reat;

(ċ) jekk tkun sodisfatta li r-rappreżentant legali tal-provditur, jew, meta l-provditur ikun korp ta' persuni, xi ħadd mill-membri tiegħu:

(i) ma jkunx ta' mġiba tajba;

(ii) ikun instab ħati ta' reat;

(iii) huwa skwalifikat milli jmexxi xi korporazzjoni taħt id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi; jew

(iv) ikun soġġett għal xi liġi, regolament, dispożizzjoni amministrattiva, jew b'xi mod ieħor ma jkunx jista' jaġixxi fil-kariga assenjata lilu;

(d) il-Kummissjoni tista' wkoll tiċħad li toħroġ, iġġedded, tibdel jew testendi liċenza jekk tkun sodisfatta li:

(i) ir-reġistrazzjoni tal-provditur kienet xi darba ġiet imħassra jew sospiża għal xi wieħed jew aktar programmi minn xi awtorità uffiċjali oħra;

(ii) il-provditur ikun soġġett għal xi liġi, regolament, dispożizzjoni amministrattiva, jew b'xi mod ieħor ma jkunx jista' jaġixxi bħala provditur f'Malta;

(iii) il-provditur juża jew jipproponi li juża l-fond tiegħu bi ksur ta' regolamenti applikabbli dwar l-iżvilupp u l-ippjanar jew għal finijiet li b'xi mod ma jkunux la xierqa, la etiċi u lanqas leġittimi; jew

(iv) il-provditur jipproponi li juża xi fond li jkun ta' periklu għal dawk li jkunu jinsabu ġo fih.

(2) Meta l-Kummissjoni tiċħad applikazzjoni biex toħroġ, iġġedded, tibdel jew testendi liċenza taħt dawn ir-regolamenti, hija għandha tgħarraf lill-applikant bil-miktub bir-raġunijiet għaliex tkun qiegħda tiċħadha.

(3) Kull provditur pubbliku ta' edukazzjoni avvanzata jew ogħla mwaqqaf bl-Att jew b'regolamenti magħmulin taħtu jew b'kull liġi oħra għandu jitqies li jkollu liċenza skont dawn ir-regolamenti: Eżenzjonijiet.

Iżda dawk il-provdituri għandhom jagħmlu kull verifika tal-kwalità tal-provditur u tal-programm li jkunu meħtieġa skont ir-regolament 37(1) u dawn għandhom isiru qabel l-iskadenza ta' ħames snin mid-data li fiha jiġu fis-seħħ dawn ir-regolamenti u ta' kull ħames snin minn żmien għal żmien wara dan, skont kif previst fir-regolament 38.

12. (1) Meta toħroġ xi liċenza, il-Kummissjoni tista' timponi kundizzjonijiet fuq id-detentur ta' liċenza skont il-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti jew xi linji gwida magħmulin u pubblikati mill-Kummissjoni skont dawn ir-regolamenti. Kundizzjonijiet tal-liċenza.

(2) Il-Kummissjoni tista' tagħmel li l-kundizzjonijiet msemmija fis-subregolament (1) ikunu japplikaw għal perjodu ta' żmien speċifiku. F'dak il-każ, hija għandha tispeċifika t-tul ta' dak il-perjodu fil-liċenza. Fil-każ li ma ssir ebda speċifikazzjoni bħal dik fil-liċenza, il-kundizzjoni għandha titqies li tkun tapplika għaż-żmien sħiħ tal-liċenza.

(3) F'kull żmien li tkun ħarġet il-liċenza, il-Kummissjoni tista' tibdel jew tneħħi kull kundizzjoni imposta taħt is-subregolament (1) jew timponi kundizzjonijiet ġodda fuq id-detentur ta' liċenza skont dawn ir-regolamenti jew xi linji gwida magħmulin u pubblikati mill-Kummissjoni skont dawn ir-regolamenti, meta dawn ikunu jirreferu għal detenturi ta' liċenza.

13. (1) F'kull żmien wara li tkun ħarġet liċenza, il-Kummissjoni tista' timponi restrizzjonijiet fuq id-detentur ta' liċenza f'kull wieħed minn dawn il-każijiet li ġejjin: Restrizzjonijiet tal-liċenza.

(a) jekk xi dokument jew informazzjoni li kienu akkumpanjaw applikazzjoni għal liċenza jew xi informazzjoni mogħtija f'dak li kellu x'jaqsam ma' din ikunu foloz jew jekk id-detentur ta' liċenza jaħbi mill-Kummissjoni, jew jonqos milli javżaha, b'xi dokument jew informazzjoni jew bidla fihom li kellu d-dmir li jiżvela jew javża taħt dawn ir-regolamenti jew skont xi linji gwida magħmulin u pubblikati mill-Kummissjoni skont dawn ir-regolamenti;

(b) jekk jiġi revokat l-akkreditament tal-programm li jkun ingħata lid-detentur ta' liċenza skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

(ċ) jekk id-detentur ta' liċenza ma jibqax imexxi l-

attività msemmija fil-liċenza f'Malta għal iżjed minn sitt xhur;

(d) jekk id-detentur ta' liċenza jonqos milli jħares il-kundizzjonijiet li taħthom tkun inħarġet il-liċenza;

(e) jekk id-detentur ta' liċenza jiġi li x'aktarx ma jkunx jista' jwettaq l-obbligi tiegħu tal-liċenza; jew

(f) minħabba f'xi ħaġa oħra li tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew xi linji gwida magħmulin u pubblikati mill-Kummissjoni skont dawn ir-regolamenti, meta dawn ikunu jirreferu għal detenturi ta' liċenza.

(2) Il-Kummissjoni tista' tibdel jew tneħħi kull restrizzjoni imposta b'dan ir-regolament f'kull waqt wara li tkun ħarġet il-liċenza.

(3) Restrizzjonijiet imposti mill-Kummissjoni skont dan ir-regolament għandhom ikunu tali hekk kif il-Kummissjoni tqishom adatti għall-ħarsien kif imiss mid-detentur ta' liċenza tal-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti jew tal-linji gwida magħmulin u pubblikati mill-Kummissjoni skont dawn ir-regolamenti, meta dawn ikunu jirreferu għal detenturi ta' liċenza.

Revoka jew sospensjoni ta' liċenza.

14. (1) Il-Kummissjoni għandha tirrevoka liċenza f'dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) meta d-detentur ta' liċenza jikser xi kundizzjoni jew restrizzjoni imposta mill-Kummissjoni skont id-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda meta l-Kummissjoni tkun imponiet fuq id-detentur ta' liċenza xi kundizzjoni jew restrizzjoni skont ir-regolamenti 12 jew 13, hija tista' biss tirrevoka liċenza meta jiskadi l-perjodu ta' żmien li hemm provdut dwaru fir-regolament 15 (1)(a);

(b) meta d-detentur ta' liċenza jiġi dikjarat fallut jew jagħmel kompożizzjoni mal-krediturі tiegħu jew xort'oħra jtemm milli jibqa' jopera; jew

(ċ) meta d-detentur ta' liċenza jaġixxi b'xi mod li gravament jikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew ta' xi linji gwida magħmulin u pubblikati mill-Kummissjoni skont dawn ir-regolamenti, meta dawn ikunu jirreferu għal detenturi ta' liċenza.

(2) Meta l-Kummissjoni tkun bi ħsiebha tirrevoka liċenza

VERŻJONI ELETTRONIKA

skont dan ir-regolament, din għandha tinnotifika bil-miktub lid-detentur ta' liċenza u għandha hemm tispeċifika l-motivi li tkun bi ħsiebha tieħu azzjoni abbażi tagħhom, u perjodu ta' żmien raġonevoli li fih id-detentur ta' liċenza ikollu jedd jagħmel ilmenti lill-Kummissjoni dwar ir-raġuni għaliex dik l-azzjoni m'għandhiex tittieħed:

Iżda l-Kummissjoni tista' tirrevoka dik il-liċenza qabel ma jiskadi dak il-perjodu, meta hija tqis li dan ikun raġonevolment ġustifikabbli wara li ssir valutazzjoni taċ-ċirkostanzi.

Notifika.

15. (1) Meta l-Kummissjoni tkun bi ħsiebha timponi, tibdel jew tneħħi kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq id-detenturi ta' liċenza skont ir-regolamenti 12 u 13, hija għandha tavża bil-miktub lid-detentur ta' liċenza bil-ħsieb li jkollha, u għandha hemm tispeċifika dan li ġej:

(a) ix-xorta ta' kundizzjoni, restrizzjoni, bidla jew tneħħija li tkun qiegħda ssir u l-perjodu ta' żmien kemm din iddum tapplika:

Iżda meta ebda perjodu ta' żmien ma jiġi speċifikat fl-avviż, kull kundizzjoni jew restrizzjoni ġdida għandha titqies li tkun tapplika għaż-żmien kollu li matulu tibqa' fis-seħħ il-liċenza u kull bidla fil-kundizzjoni jew restrizzjoni għandha titqies li tapplika għaż-żmien kollu tal-kundizzjoni jew restrizzjoni li jkunu ġew imposti qabel, kif ikun il-każ;

(b) il-motivi li dwarhom tkun bi ħsiebha tieħu dik l-azzjoni;

(ċ) perjodu ta' żmien raġonevoli li fih il-provditur ikollu jedd jagħmel ilmenti lill-Kummissjoni dwar ir-raġuni għaliex dik l-azzjoni ma jkollhiex tittieħed; u

(d) perjodu ta' żmien raġonevoli li matulu l-provditur ikun meħtieġ jirranġa l-affarijiet tiegħu biex jikkonforma ruħu mal-kundizzjoni jew restrizzjoni jew bidla imposta fihom.

(2) Meta l-Kummissjoni tkun bi ħsiebha tirrevoka jew tissospendi liċenza skont ir-regolament 14, hija għandha tinnotifika bil-miktub li d-detentur ta' liċenza bl-intenzjoni li jkollha, u għandha hemm tispeċifika dan li ġej:

(a) il-motivi li abbażi tagħhom tkun bi ħsiebha tieħu dik l-azzjoni;

(b) perjodu ta' żmien raġonevol li fih il-provditur

ikollu jedd jagħmel ilmenti lill-Kummissjoni għaliex dawk l-azzjonijiet m'għandhomx jittieħdu; u

(ċ) perjodu ta' żmien raġonevoli li matulu l-provditur ikun meħtieġ jirranġa l-affarijiet tiegħu biex ir-revoka jew is-sospensjoni ma jiġux fis-seħħ.

Effett ta' liċenza.

16. Liċenza ma tibqax fis-seħħ meta d-detentur ta' liċenza jirrinunzja għal liċenza jew meta detentur ta' liċenza ma jibqax iżomm l-akkreditament tal-provditur skont dawn ir-regolamenti.

Notifika lil awtoritajiet kompetenti barra minn Malta.

17. Meta jiġu imposti kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq detentur ta' liċenza, jew meta tiġi revokata liċenza taħt dawn ir-regolamenti jew meta liċenza ma tibqax fis-seħħ skont dawn ir-regolamenti, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti f'dawk l-istati barranin fejn il-provditur jew is-sussidjarji tiegħu jkunu qegħdin imexxu xi attività li jkollha x'taqsam mal-liċenza miżmuma jew maħruġa qabel taħt dawn ir-regolamenti.

TAQSIMA III

OBBLIGI TAD-DETENTURI TA' LIĊENZA

Verifiki tal-kwalità perjodiċi.

18. (1) Qabel ma jgħaddu ħames snin mid-data tal-ksib ta' liċenza, jew ta' bidla jew tiġdid fil-liċenza tagħhom, kif ikun il-każ, id-detenturi ta' liċenza għandhom japplikaw lill-Kummissjoni għal reviżjoni tal-akkreditament tal-provditur u tal-akkreditament tal-programm tagħhom, permezz ta' verifiki perjodiċi tal-kwalità tal-provditur u tal-programm, skont ir-regolamenti 37(1)(ċ) u 38.

(2) Meta ma ssirx applikazzjoni għal reviżjoni bħal dik, jew biex jinżamm l-akkreditament tal-provditur wara li jkunu saru dawk il-verifiki, dan jirrendi invalida l-liċenza maħruġa qabel taħt dawn ir-regolamenti.

Rappreżentant legali tad-detentur ta' liċenza.

19. (1) Ir-rappreżentant legali ta' detentur ta' liċenza, kif speċifikat fil-liċenza, jkun responsabbli li jiżgura li l-obbligi mehmużin ma' dik il-liċenza jiġu osservati f'kull waqt.

(2) Meta l-persuna speċifikata fil-liċenza bħala li tkun vestita bir-rappreżentanza legali tad-detentur ta' liċenza tiġi żvestita minn dik il-kariga għal xi raġuni jew oħra, il-provditur għandu javża lill-Kummissjoni b'dan bil-miktub mingħajr dewmien u jissottometti d-dettalji ta' min ikun assuma dik il-kariga. Wara dan, il-liċenza tibda turi l-isem tal-persuna li tiġi hekk indikata bħala r-rappreżentant legali ta' dak il-provditur.

(3) Meta detentur ta' liċenza, jew il-persuna speċifikata fil-

liċenza bħala li tkun vestita bir-rappreżentanza legali tiegħu, isir soġġett, wara li provditur jirċievi liċenza taħt dawn ir-regolamenti, għal xi bidla li tkun tirrigwarda l-applikazzjoni tar-regolamenti 11(ċ)(iv) jew 11(d)(ii), kif ikun il-każ, id-detentur ta' liċenza għandu minnufih javża lill-Kummissjoni b'dawk il-bidliet bil-miktub, mingħajr ebda dewmien.

(4) Ir-rappreżentant legali ta' detentur ta' liċenza għandu jkun ibbażat f'Malta:

Iżda, fl-assenza tiegħu, ir-rappreżentant legali tad-detentur ta' liċenza jista' jagħmel arranġamenti adegwati li jkunu jiżguraw li tiġi nominata persuna oħra biex taqdi dmirijietu għal żmien temporanju.

Notifika ta' bidliet mid-detentur ta' liċenza.

20. (1) Id-detenturi ta' liċenza għandhom javżaw lill-Kummissjoni, bil-miktub u mingħajr ebda dewmien, b'kull bidla fl-informazzjoni provduta taħt dawn ir-regolamenti.

(2) Meta detentur ta' liċenza jkun korp ta' persuni, ikun id-dmir tad-detentur ta' liċenza li jgħarraf lill-Kummissjoni, bil-miktub u mingħajr ebda dewmien, b'kull bidla fil-membri tal-korp ta' persuni.

(3) Id-detenturi ta' liċenza għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni kull informazzjoni meħtieġa biex jiġi sorveljat il-ħarsien tal-kriterji msemmija fir-regolament 11(1) b'mod kontinwu.

(4) Meta detentur ta' liċenza jkun bi ħsiebu jieħu xi azzjoni li tmur lil hinn mis-sottomissjonijiet oriġinali li jkunu saru lill-Kummissjoni, jew li jistgħu ma jkunux jaqblu mal-kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet tal-liċenza, id-detentur ta' liċenza għandu, qabel ma jieħu dik l-azzjoni, javża lill-Kummissjoni b'dan bil-miktub. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien xahrejn minn meta tirċievi dak l-avviż tagħti l-kunsens tagħha jew xort'oħra.

Wiri ta' liċenza.

21. Id-detenturi ta' liċenza għandhom iżommu l-liċenza tagħhom maħruġa taħt dawn ir-regolamenti mwaħħla f'post fejn jidher sew fil-fond minn fejn id-detentur ta' liċenza ikun jopera.

Riżorsi u materjal edukattiv.

22. Id-detenturi ta' liċenza għandhom jiżguraw li jkun hemm disponibbli riżorsi u materjal adegwati għall-provdiment ta' edukazzjoni avvanzata u ogħla ta' kwalità skont linji gwida magħmulin u pubblikati mill-Kummissjoni għal dak l-għan.

Riklami u informazzjoni għall-istudenti.

23. (1) Id-detenturi ta' liċenza għandhom jiddikjaraw b'mod ċar in-numru tal-liċenza tagħhom u l-kategorija li taħtha tkun inħarġitilhom il-liċenza, kif imfissra fit-Tieni Skeda, fil-*media* kollha, riklamar, materjal pubblikat jew materjal ta' promozzjoni għal

studenti kandidati, studenti, ġenituri jew il-pubbliku.

(2) Meta il-*media*, riklamar, materjal pubblikat jew materjal ta' promozzjoni għal studenti kandidati, studenti, ġenituri jew il-pubbliku jkun jirrigwarda xi programm speċifiku, id-detenturi ta' liċenza għandhom jiddikjaraw ukoll l-i*status* akkreditat ta' dak il-programm, kif previst fit-Tielet Skeda, u l-livell ta' kwalifika mogħtija jew indirizzata, fi ħdan il-Qafas Malti tal-Kwalifiki, jew il-livell komparabbli tagħha, kif ikun il-każ.

(3) Id-detenturi ta' liċenza għandhom jiżguraw li kull riklam u informazzjoni għall-istudenti provdut minnhom isir b'integrità u preċiżjoni.

Reġistrazzjoni tal-istudenti.

24. (1) Id-detenturi ta' liċenza m'għandhomx jagħmlu offerta lil student kandidat biex jinkiteb f'xi programm jekk huma ma jkunux taw lil dak l-istudent kandidat informazzjoni dwar il-programm skont linji gwida magħmulin u pubblikati mill-Kummissjoni għal dak l-għan:

Iżda b'dawk il-linji gwida il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi tipi ta' informazzjoni differenti meħtieġa li jingħataw lil studenti kandidati lokali u barranin u minn kategoriji differenti ta' detenturi ta' liċenza kif imfissra fit-Tieni Skeda.

(2) Id-detenturi ta' liċenza għandhom jiżguraw li r-reklutaġġ ta' studenti tagħhom isir b'mod etiku u responsabbli u li kull offerta ta' post fil-programm li ssir lil student tkun ibbażata fuq valutazzjoni, minn persuna kwalifikata kif imiss, dwar kemm il-kwalifiki u l-profiċjenzi ta' student huma adatti għall-programm.

(3) Minbarra kull ħlas għal applikazzjoni li jkun raġonevolment ġustifikabbli, id-detenturi ta' liċenza jistgħu jitolbu li jsir xi ħlas għat-tagħlim għal xi programm, minn student jew student kandidat, biss meta jkunu twettqu dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) dak l-istudent ikun ġie notifikat bil-miktub li huwa jkun ġie aċċettat għall-programm; u

(b) ikun sar ftehim mal-istudent skont ir-regolament 26:

Iżda meta detentur ta' liċenza jkun stabbilit permezz tal-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu, jew b'kull liġi oħra, ir-restrizzjonijiet li jkunu jinsabu f'dawk il-liġijiet u li għandhom x'jaqsmu mal-ħlas ta' ħlasijiet għat-tagħlim għandhom jiġu osservati.

(4) Detentur ta' liċenza għandu jikseb attestazzjoni li jkun sar assessjar tal-profiċjenza tal-istudent kandidat barrani fil-lingwa rilevanti għall-fini li jieħu sehem fil-programm provdut:

Iżda meta student ma jkollux il-kapaċitajiet lingwistiċi meħtieġa, id-detentur ta' liċenza għandu joffri lil dak l-istudent opportunitajiet ta' tagħlim fil-lingwa rilevanti, filwaqt li joffri wkoll sostenn ligwistiku tul il-programm.

(5) Id-detenturi ta' liċenza m'għandhomx jirreġistraw student kandidat li jkun ġej minn pajjiż terz u li ma jkollux visa ta' student. Ġaladarba student ġej minn pajjiż terz ikun inkiteb fi programm, id-detenturi ta' liċenza m'għandhomx iħalluh jipposponi milli jibda l-istudji tiegħu, jew li jissospendi l-istudji tiegħu, ħlief minħabba f'mard, kif muri b'ċertifikat tat-tabib, jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali oħra li ma jkunux fil-kontroll tal-istudent. Meta student jipposponi jew jissospendi l-istudji tiegħu għal xi raġuni oħra, id-detentur ta' liċenza jkun marbut li jirrapporta n-nuqqas ta' konformità ta' dak l-istudent mal-kundizzjonijiet relattivi tal-visa lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni.

Rekords tal-istudenti.

25. (1) Id-detenturi ta' liċenza għandhom iżommu rekord tal-prestazzjoni akkademika ta' student u rekord dwar l-attendenza ta' tal-istudenti skont il-linji gwida magħmulin u pubblikati mill-Kummissjoni għal dak l-għan:

Iżda permezz ta' dawk il-linji gwida il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi tipi differenti ta' rekords li jkunu meħtieġa li jinżammu minn kategoriji differenti ta' detenturi ta' liċenza kif previst fit-Tieni Skeda:

Iżda wkoll, permezz ta' dawk il-linji gwida, il-Kummissjoni tista' wkoll teżenta lil kategoriji ta' provdituri, previsti fit-Tieni Skeda milli jżommu rekord tal-attendenza ta' studenti.

(2) Ir-rekords tal-attendenza ta' studenti jistgħu jiġu meħtieġa mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni bħala attestazzjoni li studenti barranin jissodisfaw il-ħtiġiet tal-visa li għandhom x'jaqsmu mal-attendenza u mal-prestazzjoni akkademika.

Ftehim mal-istudent.

26. (1) Qabel ma jinbeda l-programm, u qabel l-istudent jew xi persuna oħra direttament jew indirettament f'ismu, ma jagħmlu xi ħlas lid-detentur ta' liċenza, id-detentur ta' liċenza għandu jagħmel ftehim bil-miktub mal-istudent kandidat fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta' dak l-istudent f'dak il-programm, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-ftehim li jsir ma' student".

(2) Il-ftehim li jsir ma' student għandu jkun wieħed li

jiftiehem b'mod ċar mill-istudent, u speċifiku fil-ħtiġiet tiegħu dwar id-dmirijiet tal-istudent u tad-detentur ta' liċenza.

(3) Id-detenturi ta' liċenza għandhom jiżguraw li l-ftehim li jsir ma' student kif msemmi fis-subregolament (1) ikun jipprovdi għal proċeduri ta' rimborż u xi kundizzjonijiet dwar nuqqas li jista' jsir.

(4) Id-detenturi ta' liċenza m'għandhomx iwettqu ebda mġiba li tkun falza, qarrieqa, ta' ingann jew xort'oħra mhux adatta fl-abbozzar tad-dispożizzjonijiet tal-ftehim li jsir ma' student, fir-rigward tar-rimborżi li jingħataw lill-istudent.

(5) Id-detenturi ta' liċenza għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet tal-ftehim li jsir ma' student u li għandhom x'jaqsmu mar-rimborżi li jingħataw lill-istudent ikunu jikkonformaw ma' dawn l-i*standards* minimi li ġejjin:

(a) il-ftehim li jsir ma' student għandu jiggarantixxi d-drittijiet tal-istudent, inkluż id-dritt li jingħatawlu r-riżultati ta' assessjar meta jkun temm kull ħtieġa neċessarja ta' assessjar tal-programm jew ta' partijiet minnu;

(b) iċ-ċirkostanzi li fihom id-detentur ta' liċenza għandu jipprovdi rimborż għandhom jkunu ċari għal kollox;

(ċ) il-pattijiet dwar kif student għandu japplika għal rimborż għandhom jkunu ċari għal kollox;

(d) id-dispożizzjonijiet dwar ir-rimborż li jkunu applikabbli għandhom b'mod ġenerali jkunu kompatibbli mal-liġijiet dwar il-ħarsien tal-konsumatur, inkluża dikjarazzjoni li l-ftehim ma jkunx qed jiċħad lill-istudenti d-dritt li jieħdu azzjoni ulterjuri taħt l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur; u

Kap. 378.

(e) il-proċess dwar ir-riżoluzzjoni ta' tilwimiet tad-detentur ta' liċenza għandha tkun spjegata b'mod ċar, inkluża dikjarazzjoni li dak il-proċess ta' riżoluzzjoni ta' tilwimiet ma jċaħħadx lill-istudenti milli jfittxu li jiksbu rimedji legali oħra.

(6) Fil-ftehim li jsir ma' student, id-detentur ta' liċenza għandu jgħarraf lill-istudenti kandidati barranin bid-dmir li għandhom li jipprovdu lid-detentur ta' liċenza b'kull tibdil fid-dettalji personali tagħhom, inklużi l-indirizz residenzjali tagħhom u n-numru tat-telefon f'Malta kif ukoll l-indirizz fejn ikunu jistgħu jiġu kuntattjati barra minn Malta wara li jkunu temmew l-istudji tagħhom.

Detentur ta' liċenza li jonqos milli jagħmel xi ħaġa kif ikun dovut.

27. (1) Id-detentur ta' liċenza jkun naqas fit-twettiq tal-ftehim li jsir ma' student fir-rigward ta' programm f'dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) il-programm ma jibdiex fil-ġurnata miftiehma li kellu jibda fiha;

(b) il-programm jieqaf milli jiġi provdut f'kull waqt wara li jibda imma qabel ma jispiċċa; jew

(ċ) il-programm ma jiġix provdut kollu kemm hu lill-istudent minħabba f'xi kundizzjoni jew restrizzjoni imposta fuq id-detentur ta' liċenza mill-Kummissjoni skont dawn ir-regolamenti jew minħabba fir-revoka, mill-Kummissjoni, tal-liċenza jew akkreditament applikabbli skont dawn ir-regolamenti:

Iżda meta l-istudent kandidat jew l-istudent ikun irtira mill-programm qabel il-ġurnata meta joriġinaw dawk iċ-ċirkostanzi, id-detenturi ta' liċenza ma jitqiesux li jkunu hekk ikkommettew xi nuqqas.

(2) Id-detentur ta' liċenza għandu wkoll jitqies li jkun naqas fit-twettiq tal-ftehim mal-istudent jekk dan jonqos milli joħroġ ir-riżultati kollha tal-eżamijiet u ta' kull assessjar ieħor lill-istudent wara li l-istudent ikun temm il-ħtiġiet ta' assessjar kollha neċessarji tal-programm jew ta' xi partijiet minnu.

Student li jonqos milli jagħmel xi ħaġa kif ikun dovut.

28. L-istudenti kandidati u l-studenti għandhom jitqiesu li jkunu naqsu fit-twettiq tal-ftehim li jsir ma' student f'dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) meta jirtiraw mill-programm, jew qabel jew wara l-ġurnata miftiehma meta kellu jibda;

(b) meta, billi ma jkunux irtiraw qabel mill-programm, jonqsu milli jibdew il-programm fil-ġurnata miftiehma meta kellu jibda;

(ċ) meta jonqsu milli jħallsu xi somma li kellhom direttament jew indirettament iħallsu lid-detentur ta' liċenza biex jsegwu l-programm; jew

(d) meta jiksru xi kundizzjoni tal-visa ta' student li jkollhom.

Linji gwida dwar kif isir ftehim u dwar min jonqos milli jagħmel xi ħaġa kif ikun dovut.

29. Il-Kummissjoni tista' tagħmel u tippubblika linji gwida, kif tqis li jkun meħtieġ, biex tistabbilixxi dan li ġej:

(a) aktar ħtiġiet dwar il-ftehim li jsir ma' student, b'żjieda mad-dispożizzjonijiet tar-regolament 26;

(b) aktar ċirkostanzi ta' nuqqasijiet fit-twettiq tal-ftehim minn detentur ta' liċenza u minn student, b'żjieda mad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 27 u 28;

(ċ) ħtiġiet u proċeduri li għandhom x'jaqsmu ma' xi rimborżi li jistgħu jkunu dovuti lil student meta jkun hemm ċirkostanzi ta' xi nuqqas fit-twettiq tal-ftehim minn detentur ta' liċenza; u

(d) ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu mas-sostenn li jingħata lil student:

Iżda, permezz ta' dawk il-linji gwida, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi tipi differenti ta' ħtiġiet dwar studenti lokali u barranin u għal kategoriji differenti ta' detenturi ta' liċenza previsti fit-Tieni Skeda.

Obbligi ta' detenturi ta' liċenza ta' edukazzjoni avvanzata.

30. (1) Detenturi ta' liċenza fil-kategoriji "istituzzjoni ta' edukazzjoni avvanzata", "ċentru ta' edukazzjoni avvanzata" jew "Ċentru tat-tagħlim tal-Ingliż bħala lsien barrani" kif imfissra fit-Tieni Skeda, ma jkunux jistgħu jużaw dawn il-kliem li ġejjin fil-*media*, riklamar, materjal pubblikat, materjal ta' promozzjoni jew f'xi informazzjoni li xort'oħra tingħata lil studenti kandidati, studenti, ġenituri jew il-pubbliku:

(a) il-kelma "ogħla" jew "università" f'xi parti ta' isimhom; u

(b) il-kelma "università", "grad", "*Masters*" jew "ogħla" f'xi titlu ta', jew b'riferenza għal, xi programm provdut jew rikonoxximent mogħti minnhom:

Iżda ċ-"Ċentru tat-tagħlim tal-Ingliż bħala lsien barrani" ikun jista' juża l-kelma "ogħla" b'riferenza għal programm ta' edukazzjoni ogħla li jservi biex tinkiseb kwalifika tat-tagħlim fl-Ingliż bħala lsien barrani, u li jkun ġie akkreditat mill-Kummissjoni biex jipprovdi skont it-Tieni Skeda.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), detenturi ta' liċenza fil-kategorija "ċentru ta' edukazzjoni avvanzata", kif imfissra fit-Tieni Skeda, m'għandhomx jużaw il-kelma "istituzzjoni" jew "istitut" f'ebda *media*, riklamar,

materjal pubblikat, materjal ta' promozzjoni jew f'xi informazzjoni li xort'oħra tingħata lil studenti kandidati, studenti, ġenituri jew il-pubbliku, f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi parti minn isimhom jew f'xi titlu ta', jew b'riferenza għal, xi programm provdut jew rikonoxximent mogħti minnhom.

Obbligi tad-detenturi ta' liċenza ta' edukazzjoni ogħla.

31. Id-detenturi ta' liċenza fil-kategorija "istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla" kif imfissra fit-Tieni Skeda m'għandhomx jużaw il-kelma "università" f'ebda *media*, riklamar, materjal pubblikat, materjal ta' promozzjoni jew f'xi informazzjoni li xort'oħra tingħata lil studenti kandidati, studenti, ġenituri jew il-pubbliku f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi parti minn isimhom jew f'xi titlu ta', jew b'riferenza għal, xi programm provdut jew rikonoxximent mogħti minnhom:

Iżda dawk id-detenturi ta' liċenza m'għandhomx ikunu projbiti milli jużaw il-kelma "università" f'ebda titlu ta', jew b'riferenza għal, xi programm, jew parti minnu, akkreditat skont dawn ir-regolamenti u provdut minnhom bi ftehim ma' università li jkollha liċenza jew ma' università barranija, kemm permezz ta' programm konġunt jew xort'oħra. Dan il-*proviso* għandu japplika biss meta dak il-programm ikun konformi mal-ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu mar-rikonoxximent ta' kwalifiki barranin taħt l-Att, dawn ir-regolamenti jew kull liġi oħra, u meta l-programm ikun iservi biex tinkiseb kwalifika nazzjonali klassifikata fil-livell 5 jew ogħla tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki u li tingħata minn università liċenzjata kif imfissra fit-Tieni Skeda jew kwalifika barranija f'livell komparabbli li tingħata minn università barranija.

Fergħat u aġenzija.

32. (1) Id-detenturi ta' liċenza għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-miktub qabel ma jiftħu xi fergħa, uffiċċju sussidjarju jew uffiċċju ieħor f'Malta u m'għandhomx jiftħu ebda fergħa jew uffiċċju jekk ma tingħatalhomx qabel l-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

(2) Id-detenturi ta' liċenza għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-miktub qabel ma jidħlu f'xi arranġamenti ta' aġenzija ma' terzi u m'għandhomx jidħlu f'ebda ftehim bħal dak jekk ma tingħatalhomx qabel l-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

(3) Persuna li tinħatar bħala l-aġent ta' detentur ta' liċenza għandha taġixxi biss bħala aġent għar-rigward ta' dawk l-attivitajiet li dwarhom ikollu liċenza l-imsemmi detentur ta' liċenza taħt dawn ir-regolamenti.

(4) Id-detenturi ta' liċenza m'għandhomx jaċċettaw jew jibqgħu jaċċettaw studenti barranin ingaġġati minn aġent, jew

jawtorizzaw lil xi aġent jaġixxi f'isimhom, jekk dawn ikunu jafu, jew ikollhom tassew għaliex raġonevolment jaħsbu li l-aġent tagħhom ikun qiegħed:

(a) jipparteċipa fi prattiċi diżonesti, inkluż suġġerimenti lil studenti barranin li jidħlu Malta b'visa ta' student bi skop ewlieni li ma jkunx dak ta' studju *full-time*;

(b) jiffaċilita r-reġistrazzjoni ta' studenti ġejjin minn pajjiż terz li ma jkunux jikkonformaw mal-kundizzjonijiet ta' visa ta' student li jkollhom; jew

(ċ) jipparteċipa fi prattiċi foloz jew ta' riklamar u reklutaġġ qarrieqi.

(5) Il-Kummissjoni għandha tagħmel u tippubblika linji gwida biex tistabbilixxi dik l-informazzjoni li għandha tiġi provduta mid-detentur ta' liċenza meta jkun irid jikseb xi approvazzjoni taħt dan ir-regolament:

Iżda, permezz ta' dawk il-linji gwida, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi ħtiġiet differenti għal kategoriji differenti ta' detenturi ta' liċenza previsti fit-Tieni Skeda.

(6) Il-Kummissjoni tista' tagħti jew tiċħad l-approvazzjoni li tkun saret applikazzjoni dwarha taħt dan ir-regolament fil-kuntest taż-żmien stipulat fir-regolament 8(10).

(7) Meta tkun qiegħda tagħti l-approvazzjoni msemmija fis-subregolament (6), il-Kummissjoni tista' tassoġġetta lid-detentur ta' liċenza u lill-fergħa, uffiċċju sussidjarju jew uffiċċju ieħor jew aġent, għal dawk il-kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet hekk kif tista' tqis li jkunu adatti skont id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 12 u 13, u wara li tagħti l-approvazzjoni tagħha, tista' minn żmien għal żmien tibdel kull kundizzjoni jew restrizzjoni hekk imposti jew timponi kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet ġodda skont id-dispozizzjonijiet tar-regolamenti 12 u 13.

(8) Il-Kummissjoni tista' wkoll tassoġġetta lill-fergħa, uffiċċju sussidjaru jew uffiċċju ieħor jew aġent approvati skont dan ir-regolament għal kull obbligu impost fuq id-detentur ta' liċenza taħt dawn ir-regolamenti.

(9) Il-Kummissjoni tista' tiċħad milli tagħti, jew tirrevoka, l-approvazzjoni mogħtija kif msemmi taħt is-subregolament (6) meta ċ-ċirkostanzi li hemm provdut dwarhom fir-regolamenti 11 u 16 ikunu japplikaw rispettivament *mutatis mutandis*.

(10) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subregolament (9), il-Kummissjoni tista' wkoll tiċħad milli tagħti l-approvazzjoni li tkun saret applikazzjoni dwarha taħt dan ir-regolament f'dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) meta tkun sodisfatta li l-attivitajiet li għandhom jiġu esegwiti mill-aġent jistgħu jitwettqu mill-provditur mill-uffiċċju prinċipali, jew minn fergħa jew minn uffiċċju sussidjarju tiegħu; jew

(b) meta ma tkunx sodisfatta li l-persuna li għandha tinħatar bħala aġent tkun kompetenti biex tipprovdi l-attivitajiet li għandhom jiffurmaw parti mill-ftehim ta' aġenzija.

(11) Meta l-Kummissjoni tiċħad li tagħti l-approvazzjoni li tkun saret applikazzjoni dwarha taħt dan ir-regolament, hija għandha tavża bil-miktub lid-detentur ta' liċenza dwar ir-raġunijiet għal din iċ-ċaħda.

TAQSIMA IV

AKKREDITAMENT U ASSIKURAZZJONI TA' KWALITÀ

Awtorità kompetenti għall-akkreditament u l-assikurazzjoni ta' kwalità.

33. Għall-finijiet tal-funzjoni tagħha bħala l-awtorità kompetenti għall-akkreditament u l-assikurazzjoni ta' kwalità ta' provdituri u programmi skont dawn ir-regolamenti, il-Kummissjoni jkollha dawk il-miri u għanijiet, setgħat, funzjonijiet u proċeduri kif previsti f'din it-Taqsima.

Miri, għanijiet, setgħat u responsabbiltajiet tal-Kummissjoni.

34. Il-Kummissjoni jkollha dawn il-miri u għanijiet li ġejjin:

(a) li tħares il-kwalità tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla fi ħdan il-kuntest ekonomiku, soċjali u kulturali ta' Malta, kont meħud tad-dimensjoni internazzjonali usa' tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla;

(b) li tinkoraġġixxi u tgħin lil provdituri f'Malta jużaw miżuri adatti ta' assikurazzjoni ta' kwalità bħala mezz kif itejbu l-kwalità tat-tagħlim mogħti u riċevut fl-edukazzjoni avvanzata u ogħla;

(ċ) li b'mod ġenerali tistimula *standards* aktar għoljin fil-provdiment ta' edukazzjoni avvanzata u ogħla; u

(d) li tistimula skambju reċiproku ta' informazzjoni transkonfini dwar l-assikurazzjoni ta' kwalità u akkreditament fl-edukazzjoni avvanzata u ogħla u li tinkoraġġixxi l-koperazzjoni bejn il-provdituri.

(2) Il-Kummissjoni jkollha dawn is-setgħat u funzjonijiet li ġejjin:

(a) li tagħmel u tippubblika dikjarazzjoni tal-missjoni rigward il-funzjonijiet tagħha ta' akkreditament u ta' assikurazzjoni ta' kwalità, u dik id-dikjarazzjoni għandu jkun fiha dan li ġej:

(i) miri u għanijiet espliċiti tal-proċessi tagħha ta' akkreditament u ta' assikurazzjoni ta' kwalità;

(ii) il-qsim tax-xogħol ma' partijiet interessati rilevanti fl-edukazzjoni avvanzata jew ogħla;

(iii) asserzjoni li l-assikurazzjoni ta' kwalità u l-akkreditament huma attivitajiet prinċipali tagħha; u

(iv) asserzjoni li jeżisti approċċ sistematiku fil-kisba tal-miri u l-għanijiet tagħha;

(b) li tadotta dokumentazzjoni li turi kif id-dikjarazzjoni tal-missjoni tagħha hi tradotta fi pjan ċar ta' politika u maniġġar;

(ċ) li teżegwixxi attivitajiet ta' akkreditament u ta' assikurazzjoni ta' kwalità fuq bażi regolari, bl-għoti, ċħid, konferma jew revoka ta' akkreditament tal-programm jew tal-provditur bażat fuq verifiki tal-kwalità tal-programm jew tal-provditur, kif ikun il-każ, kif previst fir-regolament 37(1);

(d) li tassenja kundizzjonijiet addizzjonali lil akkreditament tal-providtur jew akkreditament tal-programm, inklużi dawn li ġejjin:

(i) l-għoti ta' *status* ta' akkreditament provviżorju tal-programm jew tal-provditur, bla ħsara għal xi kundizzjonijiet stipulati;

(ii) l-għoti ta' akkreditament għal perjodu ta' inqas minn ħames snin; jew

(iii) l-assenjazzjoni ta' kull kundizzjoni oħra hekk kif tista' tqis li jkunu adatti għall-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tagħha taħt dawn ir-regolamenti;

(e) li tagħmel u tippubblika linji gwida dwar il-proċeduri dwar l-applikazzjoni għal, u t-tmexxija ta', verifiki tal-kwalità u proċessi ta' akkreditament, inklużi skedi ta'

ħinijiet u termini ta' żmien, u kundizzjonijiet oħra;

(f) li tkun rigoruża, ġusta u konsistenti meta tkun qiegħda tagħmel id-deċiżjonijiet;

(g) li tkun trasparenti fl-operazzjonijiet tagħha u tippubblika u tagħmel uffiċjalment disponibbli kull politika, proċedura, proċess, linji gwida u kriterji;

(h) li titlob ħlasijiet minn provdituri li jkunu jridu xi xorta ta' akkreditament taħt dawn ir-regolamenti, inkluża spejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' xi verifika tal-kwalità li ssir taħt ir-responsabbiltà tagħha;

(i) li tagħmel u tippubblika linji gwida u kriterji għall-assikurazzjoni ta' sistema ta' kwalità interna meħtieġa mill-provdituri skont ir-regolament 36, billi tapplika l-i*standards*, linji gwida u kriterji Ewropej u internazzjonali li jkunu rilevanti u tirrispetta t-trattati internazzjonali u kull ftehim rilevanti għall-provdiment ta' edukazzjoni avvanzata u ogħla kif ratifikati jew approvati minn Malta;

(j) li tagħmel, tippubblika u konsistentement tapplika linji gwida li jkun fihom il-kriterji u l-proċeduri li għandhom jintużaw fl-attivitajiet mwettqin minnha ta' akkreditament u ta' assikurazzjoni esterna ta' kwalità;

(k) li tinvestiga, skont dawn ir-regolamenti, allegazzjonijiet ta' prattiċi u attivitajiet, li hija *prima facie* tqis li jkunu ta' detriment għal studenti f'edukazzjoni avvanzata jew ogħla u li tieħu miżuri li jissopprimu u jipprevjenu prattiċi inġusti jew dannuży li hija tqis li jkunu ta' detriment għal dawk l-istudenti;

(l) skont il-funzjonijiet u d-dmirijiet tagħha taħt l-artikoli 65 u 66 tal-Att, li żżomm reġistru ta' kwalifiki nazzjonali u ta' kwalifiki barranin uffiċjalment rikonoxxuti provduti f'Malta li jinkisbu wara li jintemm b'suċċess programm akkreditat skont dawn ir-regolamenti;

(m) li taġixxi bħala ċentru ta' tagħrif u informazzjoni dwar l-assikurazzjoni ta' kwalità u akkreditament fl-edukazzjoni avvanzata u ogħla, u li tgħarraf lil studenti u lis-soċjetà in generali dwar il-kwalità u l-i*status* akkreditat ta' provdituri u l-programmi tagħhom;

(n) li tassikura riżorsi adegwati u proporzjonali, kemm

umani kemm finanzjarji, biex din tkun tista' torganizza u tmexxi l-verifiki tal-kwalità u proċessi ta' akkreditament tagħha b'mod effettiv u effiċjenti, u li tiżviluppa l-proċessi u l-proċeduri tagħha;

(o) li taderixxi għal *standards* Ewropej u internazzjonali kif approvati mill-Ministru, u tfittex li tissieħeb f'*networks* ta' assikurazzjoni ta' kwalità u ta' akkreditament li jkollhom fama internazzjonali;

(p) li tikkoopera ma' awtoritajiet ta' assikurazzjoni ta' kwalità u ta' akkreditament f'pajjiżi oħra dwar provdituri u programmi li jkunu joperaw transkonfini jew li jkunu joperaw b'mod konġunt ma' provdituri lokali;

(q) li tikkollabora ma' organizzazzjonijiet ta' akkreditament oħra nazzjonali, internazzjonali u professjonali u tiżviluppa sħubija ma' aġenziji uffiċjali oħra ta' assikurazzjoni ta' kwalità jew ta' akkreditament rigward affarijiet li għandhom direttament x'jaqsmu mal-assikurazzjoni ta' kwalità u mal-akkreditament, biex jiġu faċilitati proċessi effiċjenti ta' assikurazzjoni ta' kwalità transkonfini u t-trasferiment internazzjonali ta' tagħrif dwar dawk il-proċessi; u

(r) li taġixxi indipendentement, u għal dak l-għan, taderixxi ma' dan li ġej:

(i) għandu jkollha responsabbiltà awtonoma għall-operazzjonijiet tagħha;

(ii) għandha tiżgura li l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet magħmulin fir-rapporti tagħha u l-eżiti ta' verifiki tal-kwalità u deċiżjonijiet dwar l-akkreditament ma jkunux influwenzati minn terzi;

(iii) għandha tiżgura li t-tifsira u l-operazzjoni tal-proċeduri u l-metodi tagħha, u n-nomina tal-esperti esterni tagħha ma jkunux influwenzati minn terzi; u

(iv) għandha tiżgura li filwaqt li dawk il-partijiet rilevanti involuti, partikolarment l-istudenti u l-persunal akkademiku, jiġu kkonsultati tul il-proċessi ta' assikurazzjoni ta' kwalità, l-eżitu finali ta' kull verifika tal-kwalità jew deċiżjoni dwar akkreditament tibqa' r-responsabbiltà tagħha.

Responsabbiltà tal-Kummissjoni.

35. Il-Kummissjoni għandu jkollha fis-seħħ proċeduri dwar il-kontabilità tagħha nnifisha, li għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) dokumentazzjoni li turi li l-proċessi u r-riżultati tagħha jirriflettu l-missjoni u l-miri tagħha ta' assikurazzjoni ta' kwalità u akkreditament;

(b) politika pubblikata għall-assikurazzjoni tal-kwalità tagħha nnifisha;

(ċ) sistema ta' assikurazzjoni ta' kwalità interna tagħha nnifisha li tkun tinkludi mekkaniżmu intern ta' *feedback*, mekkaniżmu intern ta' riflessjoni u mekkaniżmu estern ta' *feedback* sabiex tgħarraf u tifred l-iżvilupp u t-titjib tagħha nnifisha;

(d) reviżjoni esterna ċiklika tal-attivitajiet tagħha mill-inqas darba kull ħames snin;

(e) mekkaniżmu sabiex ma jkun hemm ebda kunflitt ta' interess fil-ħidma tal-esperti esterni tagħha; u

(f) mekkaniżmu affidabbli li jiżgura l-kwalità ta' kull attività u materjal prodott minn subkuntratturi, meta x'uħud mill-elementi jew l-elementi kollha fil-proċeduri tagħha jingħataw b'appalt lil terzi.

Assikurazzjoni ta' kwalità interna.

36. (1) Il-provdituri jkollhom ir-responsabbiltà primarja għall-kwalità ta' provdiment tagħhom u tal-assikurazzjoni tal-kwalità tagħhom.

(2) Il-provdituri li jkunu jridu xi tip ta' akkreditament taħt dawn ir-regolamenti għandu jkollhom fis-seħħ sistema interna ta' assikurazzjoni ta' kwalità li għandha tkun speċifikament iddisinjata biex tiġi żgurata l-adattabilità u l-korrettezza fir-rigward tal-provdituri u tal-programmi tagħhom, biex jinkisbu l-miri u l-għanijiet stabbiliti għalihom. Dik is-sistema ta' assikurazzjoni ta' kwalità għandha tiżgura konformità sħiħa ma' dawn ir-regolamenti, inkluża assikurazzjoni ta' konformità mal-obbligi ta' detenturi ta' liċenza kif ukoll kull kundizzjoni jew restrizzjoni imposta mill-Kummissjoni fuq id-detentur ta' liċenza taħt dawn ir-regolamenti, kif ikun il-każ:

Iżda l-provdituri ta' edukazzjoni avvanzata li jkunu joperaw taħt il-liċenza ta' skola għandhom ukoll jikkonformaw ma' kull dispożizzjoni tar-Regolamenti dwar Kodiċi tal-Mġiba għall-Għalliema, u tar-Regolamenti li jistabbilixxu l-Kondizzjonijiet Minimi Nazzjonali għall-Iskejjel.

L.S. 327.2
L.S. 327.12

Assikurazzjoni esterna ta' kwalità.

37. (1) L-assikurazzjoni esterna tal-kwalità għandha tkun f'waħda minn dawn il-forom li ġejjin:

(a) verifika tal-kwalità tal-provditur li ssir għall-fini tal-akkreditament tal-provditur li jingħata lil provdituri għall-ewwel darba;

(b) verifika tal-kwalità tal-programm li ssir għall-fini ta' akkreditament tal-programmi li jingħata għall-ewwel darba; u

(ċ) verifiki perjodiċi tal-kwalità tal-provditur u tal-programm li jsiru għall-fini li jikkonfermaw jew jirrevokaw l-akkreditament mogħti qabel taħt dawn ir-regolamenti.

(2) Kull forma ta' assikurazzjoni esterna tal-kwalità msemmija fis-subregolament (1) għandha titwettaq taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni u għandha ssir billi tapplika l-i*standards*, linji gwida u kriterji Ewropej u internazzjonali rilevanti u tirrispetta t-trattati internazzjonali u kull ftehim rilevanti għall-provdiment tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla kif ratifikati jew approvati minn Malta.

(3) Ir-rapporti minn dawk il-verifiki tal-kwalità għandhom jiffurmaw il-bażi għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħti, tiċħad, tikkonferma jew tirrevoka l-akkreditament.

Verifiki tal-kwalità li jsiru minn żmien għal żmien.

38. (1) Ta' kull ħames snin, provdituri għandhom jgħaddu minn verifiki perjodiċi dwar il-kwalità tal-provditur u tal-programm, kif previst fir-regolament 37(1)(ċ):

Iżda l-Kummissjoni tista', meta turi raġuni ġustifikata għaldaqstant dwar xi provditur jew programm partikolari, tordna perjodi iqsar għal dawk il-verifiki perjodiċi tal-kwalità:

Iżda wkoll meta, matul il-verifika tal-kwalità tal-provditur jew tal-programm, jirriżulta li provditur jkollu xi defiċjenzi li jkunu jeħtieġu azzjoni immedjata, il-Kummissjoni tista' tagħti akkreditament provviżorju skont ir-regolament 34(2)(d), li jkun marbut ma' kundizzjonijiet u rakkomandazzjonijiet dwar affarijiet li għandhom jiġu indirizzati u azzjoni li trid tittieħed mill-provditur.

(2) Il-Kummissjoni għandha tikkonferma jew tirrevoka l-i*status* ta' akkreditament tal-provditur jew tal-programm, kif ikun il-każ, abbażi ta' verifiki perjodiċi tal-kwalità tal-provditur u tal-programm.

(3) Wara li jsiru l-verifiki perjodiċi tal-kwalità, il-Kummissjoni tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet u tassenja kundizzjonijiet lill-provditur skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) Il-verifiki tal-kwalità perjodiċi għandhom iqisu kull progress magħmul mill-provditur skont ir-rakkomandazzjonijiet magħmulin waqt proċessi preċedenti ta' akkreditament u verifika tal-kwalità.

Proċeduri u *standards* għall-verifiki tal-kwalità u deċiżjonijiet dwar l-akkreditament.

39. (1) Il-Kummissjoni għandha tagħmel verifiki tal-kwalità u tieħu deċiżjonijiet dwar l-akkreditament skont il-proċeduri u l-i*standards* msemmija f'dan ir-regolament.

(2) Meta tkun qiegħda tagħmel arranġamenti dwar il-verifiki tal-kwalità, il-Kummissjoni għandha taderixxi għal dawn il-proċeduri li ġejjin:

(a) għandha teħtieġ li l-provditur jagħmel *self-assessment*, valutazzjoni interna jew xi proċedura komparabbli fil-livell tal-provditur jew tal-programm, kif ikun il-każ;

(b) għandha taħtar esperti esterni biex jagħmlu verifiki tal-kwalità, inklużi, kif ikun adatt, student wieħed jew aktar, hekk li tiżgura li dawk l-esperti jintgħażlu abbażi tal-maestranza tagħhom u tal-ħtieġa li ma jkun hemm ebda konflitt ta' interess meta ssir il-verifika tal-kwalità fil-konfront tal-provditur li jkun għaddej minn dik il-verifika tal-kwalità;

(ċ) għandha tinkludi, bħala parti mill-verifika tal-kwalità, viżti fuq is-sit mill-esperti esterni, li għandhom ukoll jinvolvu lill-korpi governattivi, persunal u studenti tal-provditur, kif ikun adatt;

(d) għandha tippubblika r-rapport tal-verifika tal-kwalità, inkluża kull deċiżjoni, rakkomandazzjoni, kundizzjoni jew eżiti formali oħra; u

(e) għandha tistabbilixxi proċedura ta' prosegwiment mal-provditur biex tirrevedi azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-provditur għall-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet u kundizzjonijiet li jsiru dwar il-provditur skont il-paragrafu ta' qabel dan.

(3) Meta tkun qiegħda tagħmel arranġamenti dwar il-verifiki tal-kwalità, il-Kummissjoni għandha taderixxi għal dawn l-i*standards* li ġejjin:

(a) il-verifiki tal-kwalità għandhom ikunu speċifikament iddisinjati biex jiżguraw l-adattabilità u korrettezza fir-rigward tal-provdituri jew tal-programmi u biex jevalwaw jekk jilħqux il-miri u l-għanijiet stabbiliti għalihom;

(b) il-verifiki tal-kwalità għandhom jeżaminaw l-effettività tal-proċessi interni ta' assikurazzjoni tal-kwalità użati mill-provditur, inkluż eżami tal-istruttura tas-sistema, id-dokumentazzjoni li din tipproduċi u l-evalwazzjonijiet ta' kwalità li jsiru mill-provditur;

(ċ) il-verifiki tal-kwalità għandhom jeżaminaw il-konformità tal-provdituri mal-obbligi ta' detenturi ta' liċenza taħt dawn ir-regolamenti, meta dan ikun japplika, kif ukoll kull kundizzjoni jew restrizzjoni imposta mill-Kummissjoni fuq id-detentur ta' liċenza taħt dawn ir-regolamenti;

(d) it-termini ta' referenza, il-miri u l-għanijiet ta' kull verifika tal-kwalità għandhom jiġu stabbiliti qabel ma tibda kull verifika tal-kwalità u għandhom jkunu pubblikati flimkien ma' deskrizzjoni tal-proċeduri li għandhom jintużaw;

(e) il-provdituri għandhom jitħallew jikkummentaw fuq il-kompożizzjoni tal-bord ta' esperti esterni li jkunu ser jagħmlu l-verifika tal-kwalità u l-Kummissjoni għandha tqis dawk il-kummenti qabel ma tittieħed deċiżjoni finali dwar il-bord ta' esperti;

(f) il-verifiki tal-kwalità għandhom japplikaw l-i*standards*, linji gwida u kriterji Ewropej u internazzjonali rilevanti għal assikurazzjoni esterna tal-kwalità li jkunu japplikaw għas-suġġett tal-evalwazzjoni u għandhom ikunu bażati fuq materjal miktub u diskussjoni ma' proponenti tal-provditur; u

(g) il-verifiki tal-kwalità tal-provditur għandhom jinkludu mekkaniżmi investigatorji adatti biex jiżguraw integrità finanzjarja, u meta l-provditur ikun korp ta' persuni, biex jiżguraw li l-membri tal-korp ta' persuni, ir-rappreżentant legali u l-persuni li jkunu f'pożizzjonijiet ta' tmexxija jkunu persuni idoneji u adatti biex jistabbilixxu provditur ta' edukazzjoni avvanzata jew ogħla u jwettqu programmi ta' edukazzjoni avvanzata jew ogħla:

Iżda l-Kummissjoni tista' tikseb pariri esperti addizzjonali biex tevalwa l-kapaċità finanzjarja tal-provditur.

Rapporti dwar verifiki tal-kwalità.

40. (1) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li r-rapporti dwar verifiki tal-kwalità jkunu skont dawn l-i*standards* li ġejjin:

(a) ir-rapporti kollha għandhom ikunu pubblikati u miktubin bi stil ċar għal min ikun irid jaqrahom fir-rigward ta' deċiżjonijiet, approvazzjonijiet jew rakkomandazzjonijiet li

jsiru;

(b) fir-rapport tagħhom, l-esperti għandhom jindikaw dawk l-oqsma fejn il-provditur għandu jiżviluppa aktar is-sistema tiegħu u għandhom jagħtu parir dwar jekk is-sistema kollha tkunx waħda sodifaċenti;

(ċ) ir-rapporti li jkun fihom rakkomandazzjonijiet għal azzjoni jew li jkunu jeħtieġu pjan ta' azzjoni sussegwenti, għandhom jistabbilixxu proċedura ta' prosegwiment li għandha tiġi implimentata konsistentement; u

(d) il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport lill-provditur, li għandu jingħata terminu ta' sitt ġimgħat biex jippreżenta l-fehmiet tiegħu.

(2) Meta, mir-rapport tal-verifika tal-kwalità, u wara li l-provditur ikun ippreżenta l-fehmiet tiegħu skont is-subregolament (1), jirriżultaw lill-Kummissjoni difetti fondamentali li jirrigwardaw il-provditur jew il-programm, il-provditur għandu jingħata terminu raġonevoli, kif stabbilit mill-Kummissjoni, biex jeżegwixxi miżuri li jirrettifikaw dawk id-difetti.

Analisi tas-sistema kollha u rapport sommarju.

41. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja, tirrevedi u tanalizza l-eżitu ta' verifiki tal-kwalità perjodiċi tal-provdituri u tal-programmi u għandha tipproduċi minn żmien għal żmien rapporti sommarji fuq is-sistema kollha li jkunu jiddeskrivu u janalizzaw l-eżiti ġenerali tal-verifika tal-kwalità u tal-proċeduri tagħha ta' akkreditament.

Akkreditament tal-provditur.

42. (1) L-akkreditament tal-provditur għandu jingħata mill-Kummissjoni skont dan ir-regolament wara li ssir applikazzjoni mill-provditur f'xi kategorija waħda jew aktar li jikkorrispondu għall-kategoriji ta' liċenza previsti fit-Tieni Skeda.

(2) L-akkreditament tal-provditur għandu jkun ibbażat fuq verifika tal-kwalità tal-provditur.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subregolament (2), akkreditament tal-provditur jista' wkoll ikun ibbażat fuq verifika tal-kwalità tal-provditur li ssir minn aġenzija barranija rikonoxxxuta ta' assikurazzjoni ta' kwalità jew ta' akkreditament, u f'dak il-każ il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-proċess u l-eżitu ta' dik il-verifika tal-kwalità tal-provditur, u għandha tiddeċiedi, abbażi ta' dawn u tal-i*standards* msemmija fir-regolament 39, jekk tagħtix ix-xorta ta' akkreditament tal-provditur li jkun irid il-provditur taħt dawn ir-regolamenti jew jekk iġġiegħelx lill-provditur jagħmel verifika tal-kwalità tal-provditur addizzjonali li ssir mill-Kummissjoni skont dawn ir-regolamenti.

(4) Il-Kummissjoni għandha tagħti *status* ta' akkreditament tal-provditur skont xi kategorija waħda jew aktar li jikkorrispondu għall-kategoriji ta' liċenza previsti fit-Tieni Skeda, u dak l-i*status* għandu jkun juri b'mod ċar l-awtorità li jkollu l-provditur biex jipprovdi programmi f'livell speċifiku jew livell komparabbli tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki. L-akkreditament li jingħata lil provditur taħt dan ir-regolament ikun validu għal perjodu ta' ħames snin:

Iżda l-Kummissjoni tista', meta turi raġuni ġustifikata għaldaqstant, tagħti akkreditament tal-provditur kondizzjonali u tista' wkoll tapplika termini iqsar għall-validità ta' akkreditament tal-provditur, meta jkun adatt, kif provdut f'dawn ir-regolamenti.

(5) L-akkreditament li jingħata lil provditur u li jinkiseb skont dan ir-regolament għandu jkun validu għall-fini li tinkiseb liċenza taħt dawn ir-regolamenti.

Akkreditament tal-programm.

43. (1) L-akkreditament tal-programm għandu jingħata mill-Kummissjoni skont dan ir-regolament, wara li ssir applikazzjoni mill-provditur, f'xi waħda mill-kategoriji previsti fit-Tielet Skeda.

(2) Il-provdituri jistgħu japplikaw għal akkreditament ta' xi programm wieħed jew ta' aktar minn programm wieħed biex jiġu akkreditati flimkien:

Iżda meta l-provdituri japplikaw għall-akkreditament ta' aktar minn programm wieħed flimkien, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8(4).

(3) Meta provditur japplika għal akkreditament ta' programm li jservi biex tinkiseb kwalifika nazzjonali, l-akkreditament tal-programm:

(a) għandu jkun ibbażat fuq verifika tal-kwalità tal-programm;

(b) jista', mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tal-paragrafu (a), ikun ibbażat fuq verifika tal-kwalità tal-programm li ssir minn aġenzija barranija rikonoxxuta ta' assikurazzjoni ta' kwalità jew ta' akkreditament, u f'dak il-każ il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-proċess u l-eżitu ta' dik il-verifika tal-kwalità tal-programm, u għandha tiddeċiedi, abbażi ta' dawn u l-i*standards* msemmija fir-regolament 39, jekk għandhiex tagħti x-xorta ta' akkreditament tal-programm li jkun irid il-provditur taħt dawn ir-regolamenti jew jekk iġġiegħelx lill-provditur jagħmel verifika tal-kwalità tal-programm addizzjonali, li ssir mill-Kummissjoni skont dawn ir-regolamenti.

(4) Meta provditur japplika għal akkreditament tal-programm li jservi biex tinkiseb kwalifika barranija, u meta dak il-provditur ikun diġà kiseb akkreditament minn aġenzija ta' akkreditament barranija rikonoxxuta, dak il-provditur jista' jitlob lill-Kummissjoni tapprova dak l-akkreditament barrani. Dan li ġej għandu japplika għal dik it-talba:

(a) meta l-Kummissjoni tqis li dak l-akkreditament barrani jkun sodisfaċenti, hija għandha tevalwa l-kredenzjali u r-reputazzjoni tal-aġenzija barranija rikonoxxuta ta' akkreditament u l-proċess li jkun għadda minnu l-programm akkreditat minnha;

(b) meta l-Kummissjoni tqis li dak l-akkreditament barrani ma jkunx sodisfaċenti, hija għandha titlob lil dak il-provditur jgħaddi minn proċess ta' akkreditament li japplika f'Malta skont is-subregolament (3);

(ċ) l-approvazzjoni ta' akkreditament barrani tal-programm għandha tiskadi meta l-perjodu tal-i*status* ta' akkreditament barrani tal-programm jiskadi:

Iżda meta l-perjodu li dwaru l-i*status* ta' akkreditament barrani tal-programm ikun ta' inqas minn ħames snin mid-data tad-deċiżjoni fuq l-akkreditament tal-programm, il-Kummissjoni tista', meta tqis li jkun hekk xieraq, tapplika l-istess perjodu ta' validità għal kull akkreditament tal-provditur u li jingħata fl-istess ħin mal-approvazzjoni ta' dak l-akkreditament barrani tal-programm.

(5) Meta kwalifika tingħata minn aktar minn provditur wieħed, ikun provditur wieħed biss li jippreżenta l-applikazzjoni għal akkreditament tal-programm skont dan ir-regolament u dak il-provditur għandu jikkoordina l-proċess ma' kull provditur ieħor involut. Dak il-provditur għandu jkun formalment responsabbli għall-programm konġunt u għall-konformità ta' kull provditur li jifforma parti mill-arranġament tal-programm konġunt mal-liċenza u l-kundizzjonijiet ta' akkreditament jew restrizzjonijiet imposti skont dawn ir-regolamenti, kif ikun il-każ.

(6) Il-Kummissjoni għandha tagħti *status* ta' akkreditament tal-programm skont waħda mill-kategoriji previsti fit-Tielet Skeda, u dak l-i*status* għandu juri b'mod ċar l-awtorità li jkollu l-provditur li jkun qed jipprovdi dak il-programm f'wieħed mil-livelli tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki jew f'livell komparabbli. L-akkreditament tal-programm mogħti taħt dan ir-regolament għandu jkun validu għal perjodu ta' ħames snin:

Iżda l-Kummissjoni tista' tagħti akkreditament kondizzjonali tal-programm u tista' wkoll tapplika perjodi iqsar għall-validità tal-akkreditament tal-programm, meta din turi raġuni ġustifikata għaldaqstant, kif provdut f'dawn ir-regolamenti.

(7) Meta l-programm akkreditat iwassal għal kwalifika mat-tmiem b'suċċess tiegħu, il-Kummissjoni għandha:

(a) meta l-kwalifika tkun kwalifika nazzjonali, tikklassifika l-kwalifika f'livell tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki u tinkludi dik il-kwalifika fir-reġistru ta' kwalifiki nazzjonali li jinżamm minnha skont l-artikolu 66 tal-Att;

(b) meta l-kwalifika tkun kwalifika barranija, tikklassifika l-kwalifika f'livell komparabbli tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki u tinkludi dik il-kwalifika fir-reġistru ta' kwalifiki barranin uffiċjalment rikonoxxuti provduti f'Malta miżmum minnha skont il-funzjonijiet u d-dmirijiet tagħha taħt l-artikoli 65 u 66 tal-Att.

(8) Meta jiġi akkreditat programm, jew tingħata approvazzjoni ta' akkreditament ta' programm barrani, il-Kummissjoni għandha tinkludi dak il-programm fir-reġistru ta' programmi akkreditati minnha skont l-artikolu 66 tal-Att.

(9) L-akkreditament tal-programm li jinkiseb skont dan ir-regolament ikun validu għall-fini ta' ksib ta' liċenza taħt dawn ir-regolamenti.

Applikazzjoni mill-ġdid, bidla jew estensjoni tal-akkreditament.

44. (1) Il-provdituri għandhom jerġgħu japplikaw mill-ġdid għall-akkreditament tal-provditur jew tal-programm meta l-perjodu ta' validità ta' dak l-i*status* ta' akkreditament jiskadi skont dawn ir-regolamenti.

(2) Meta l-akkreditament tal-provditur jew tal-programm ta' provditur jiġi revokat, il-provditur jista' jerġa' japplika mill-ġdid għal akkreditament f'kull żmien.

(3) Meta provditur ikun irid jibdel jew jestendi l-i*status* tal-akkreditament tal-provditur jew tal-programm li jkollu, il-provditur għandu japplika għal akkreditament għall-fini ta' dik il-bidla jew estensjoni meħtieġa.

Informazzjoni li għandha tiġi provduta mal-applikazzjoni għal akkreditament.

45. Il-Kummissjoni għandha tagħmel u tippubblika linji gwida li jistabbilixxu xi tkun dik l-informazzjoni li għandha tingħata mill-provdituri għall-fini ta' applikazzjoni għal akkreditament tal-provditur jew tal-programm taħt dawn ir-regolamenti:

Iżda, permezz ta' dawk il-linji gwida, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi ħtiġiet ta' informazzjoni differenti għal kategoriji, provdituri jew programmi differenti previsti fit-Tieni u t-Tielet Skedi.

Status ta' provditur akkreditat minnu nnifsu.

46. (1) L-i*status* ta' "providitur akkreditat minnu nnifsu", kif imfisser fl-Ewwel Skeda, jew l-estensjoni tal-iskop ta' dan it-tip ta' akkreditament, għandhom jingħataw biss permezz tal-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu, jew b'xi liġi oħra.

(2) Applikazzjoni għal *status* ta' provditur akkreditat minnu nnifsu kif imfisser fl-Ewwel Skeda, jew għal estensjoni tal-iskop ta' dan it-tip ta' akkreditament, għandha tkun suġġetta għal dan li ġej:

(a) huma biss dawk l-universitajiet, istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla u istituzzjonijiet ta' edukazzjoni avvanzata akkreditati u li jkollhom liċenza taħt dawn ir-regolamenti li jkunu eliġibbli japplikaw għal *status* ta' provditur akkreditat minnu nnifsu jew għal estensjoni tal-iskop ta' dan it-tip ta' akkreditament;

(b) universitajiet jew istituzzjonijiet li japplikaw għal *status* ta' provditur akkreditat minnu nnifsu jew għal estensjoni tal-iskop ta' dan it-tip ta' akkreditament għandhom juru *track record* ta' akkreditamenti u verifiki tal-kwalità mill-inqas f'żewġ verifiki tal-kwalità konsekuttivi tat-tip ta' programmi li għalihom għandu jkun japplika l-i*status* ta' provditur akkreditat minnu nnifsu:

Iżda, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-Kummissjoni tista' tirrakkomanda li università jew istituzzjoni li ma jkollha ebda *track record* ta' provdiment ta' servizz ta' edukazzjoni avvanzata jew ogħla li jkun ingħata qabel f'Malta, tingħata *status* ta' provditur akkreditat minnu nnifsu. F'dak il-każ, l-evalwazzjoni msemmija fis-subregolament (3) għandha tkun bażata fuq pjan dettaljat u l-applikazzjoni għandha tkun stmata fuq jekk il-pjan u r-riżorsi umani u finanzjarji allokati mill-provditur ikunux juru probabbiltà għolja li, mat-twaqqif tagħhom, l-università jew l-istituzzjoni ikunu ser joperaw mill-inqas fuq *standard* komparabbli ma' universitajiet jew istituzzjonijiet eżistenti li jkollhom *status* ta' provditur akkreditat minnu nnifsu.

(3) Applikazzjoni għal *status* ta' provditur akkreditat minnu nnifsu jew għal estensjoni tal-iskop ta' dan it-tip ta' akkreditament għandha tkun suġġetta għal evalwazzjoni minn bord ta' esperti esterni u dik l-evalwazzjoni għandha tikkonforma ma' dan li ġej:

(a) tista' tkun limitata għal oqsma wesgħin ta' studju u livelli tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki li dwarhom il-provditur ikun wera *track record*;

(b) għandha tieħu konsiderazzjoni tal-attivitajiet barranin kollha tal-università jew istituzzjoni li tkun qiegħda tapplika għal *status* ta' provditur akkreditat minnu nnifsu jew għal estensjoni tal-iskop ta' dan it-tip ta' akkreditament, li jkun meħtieġ li jkunu konformi mal-ħtiġiet regolatorji u ta' rappurtaġġ rilevanti f'Malta;

(ċ) meta l-evalwazzjoni mill-bord ta' esperti esterni tagħmel proposta lill-Kummissjoni għall-għoti tal-i*status* ta' provditur akkreditat minnu nnifsu jew għall-estensjoni tal-iskop ta' dan it-tip ta' akkreditament, ir-rapport tal-evalwazzjoni għandu jsemmi b'mod ċar x'inhuma r-raġunijiet għal dan u għandu jirrakkomanda l-oqsma wesgħin ta' studju u l-livelli tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki li dwarhom il-provditur jkollu l-kapaċità li jkun akkreditat minnu nnifsu; u

(d) meta l-evalwazzjoni mill-bord ta' esperti esterni tagħmel proposta lill-Kummissjoni kontra l-għoti ta' *status* ta' provditur akkreditat minnu nnifsu jew kontra l-estensjoni tal-iskop ta' dan it-tip ta' akkreditament, ir-rapport tal-evalwazzjoni għandu jsemmi b'mod ċar ir-raġunijiet għal dan.

Status ta' università.

47. (1) Huma biss dawk l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla akkreditati li jikkonformaw ma' dan li ġej li jkunu eliġibbli biex japplikaw għal *status* ta' università sabiex ikunu eliġibbli jiksbu liċenza ta' università kif imfissra fit-Tieni Skeda:

(a) li l-edukazzjoni ogħla, it-tagħlim, ir-riċerka u t-tixrid ta' tagħrif ikunu l-attivitajiet primarji tal-istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla;

(b) li l-istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla jkollha persunal akkademiku, librerija akkademika, taħriġ fir-riċerka stabbli u attivitajiet ta' riċerka u żvilupp stabbli u ta' *standard* għoli;

(ċ) li l-istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla jkollha korpi rappreżentattivi tal-persunal u tal-istudenti;

(d) li l-istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla jkollha organizzazzjoni u infrastruttura biex tipprovdi edukazzjoni ogħla u tagħmel ir-riċerka;

(e) li l-istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla tkun

VERŻJONI ELETTRONIKA

tipprovdi programmi li jwasslu għal kwalifiki nazzjonali li jkunu klassifikati fil-livelli 5 sa 7 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki, jew kwalifiki barranin f'livell komparabbli, mill-inqas f'sitt oqsma, u li jkollha wkoll kompetenza indipendenti fit-twaqqif tal-komponenti ta' dawk il-programmi u dritt indipendenti għall-għoti ta' lawrji dwar dawk il-programmi;

(f) li l-istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla tipprovdi programmi li jwasslu għal kwalifiki nazzjonali li jkunu klassifikati fil-livell 8 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki, jew kwalifika barranija f'livell komparabbli, mill-inqas f'erba' oqsma, u li jkollha wkoll kompetenza indipendenti fit-twaqqif tal-komponenti ta' dawk il-programmi u dritt indipendenti għall-għoti ta' lawrji dwar dawk il-programmi; u

(g) li l-istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla tkun affiljata ma' *networks* internazzjonali f'dak li għandu x'jaqsam ma' edukazzjoni ogħla u riċerka u tkun tipparteċipa f'koperazzjoni nazzjonali u internazzjonali fit-tagħlim u r-riċerka.

(2) Applikazzjoni għal *status* ta' università għandha tkun suġġetta għal evalwazzjoni minn bord ta' esperti esterni u dik l-evalwazzjoni għandha tkun konformi ma' dan li ġej:

(a) għandha tinkludi konsiderazzjoni tal-attivitajiet barranin tal-istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla li tkun qiegħda tapplika, li jkunu meħtieġa biex jitħarsu l-ħtiġiet regolatorji u ta' rappurtaġġ rilevanti f'Malta; u

(b) meta l-evalwazzjoni mill-bord tal-esperti tagħmel proposta lill-Kummissjoni għal jew kontra l-għoti ta' *status* ta' università, ir-rapport tal-evalwazzjoni għandu jsemmi b'mod ċar ir-raġunijiet għal dan.

Rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar *status* ta' provditur akkreditat minnu nnifsu.

48. (1) Meta l-Kummissjoni tqis li l-i*status* ta' provditur akkreditat minnu nnifsu għandu jingħata lil provditur jew li l-iskop ta' dan it-tip ta' akkreditament għandu jiġi estiż skont ir-regolament 46, hija għandha tagħmel rakkomandazzjoni lill-Ministru f'dan is-sens, filwaqt li tinkludi f'dik ir-rakkomandazzjoni kull kundizzjoni li tista' tqis li tkun xierqa skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Wara verifika perjodika tal-kwalità tal-provditur ta' istituzzjoni li jkollha *status* ta' provditur akkreditat minnu nnifsu, il-Kummissjoni tista' tagħmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet lill-Ministru hekk kif din tista' tqis li jkunu meħtieġa f'dak li għandu x'jaqsam ma' dik l-istituzzjoni.

(3) Il-Kummissjoni għandha tavża lill-Ministru bil-miktub bir-rakkomandazzjonijiet tagħha taħt dan ir-regolament, u l-Ministru għandu, wara dak l-avviż, jieħu kull azzjoni meħtieġa kif ikun xieraq.

TAQSIMA V

MIXXELLANJI

Appelli.

49. Provditur jista' jappella minn kull deċiżjoni jew azzjoni li tittieħed mill-Kummissjoni taħt dawn ir-regolamenti quddiem il-Qorti tal-Appell fil-ġurisdizzjoni inferjuri tagħha bil-mod kif prevista fl-artikolu 20(11) tal-Att, u fil-kuntest tat-terminu rilevanti hemm stipulat:

Iżda dak l-appell m'għandux ikun jirrigwarda l-merti ta' deċiżjoni li tittieħed mill-Kummissjoni taħt dawn ir-regolamenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-għoti jew ċaħid ta' liċenza jew akkreditament jew mar-revoka jew sospensjoni tagħhom jew mal-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet jew kundizzjonijiet fuq id-detenturi ta' liċenza.

Setgħa tal-Kummissjoni li titlob informazzjoni u tinvestiga.

50. (1) Id-detenturi ta' liċenza kollha għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni dik l-informazzjoni li għandha x'taqsam mal-fergħat, sussidjarji, aġenziji jew uffiċċji tagħhom f'Malta jew barra minn Malta hekk kif il-Kummissjoni tista' teħtieġ, permezz ta' avviż bil-miktub, fit-twettiq ta' dmirijietha taħt dawn ir-regolamenti jew taħt kull liġi oħra:

Iżda dik l-informazzjoni tista' tinkludi stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mid-detentur ta' liċenza u kull dokumentazzjoni uffiċjali jew mhux uffiċjali oħra.

(2) Kull informazzjoni meħtieġa taħt is-subregolament (1) għandha tiġi preżentata f'dik l-għamla u f'dawk it-termini ta' żmien li l-Kummissjoni tista' minn żmien għal żmien tirrikjedi permezz ta' linji gwida maħruġin mill-Kummissjoni taħt dawn ir-regolamenti għal dak l-għan.

(3) Kull informazzjoni provduta minn detentur ta' liċenza taħt is-subregolament (1) għandha titqies bħala sigrieta u kunfidenzjali bejn id-detentur ta' liċenza u l-Kummissjoni:

Iżda l-Kummissjoni għandha tipprovdi dik l-informazzjoni lill-Ministru li hu jista' jkun jeħtieġ b'talba bil-miktub u l-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Ministru jekk hija tqis li jkun hemm xi kwistjoni ta' tħassib dwar l-istat li jkun jinsab fih detentur ta' liċenza:

Iżda wkoll il-Kummissjoni tista' tagħmel kopji ta' kull

dokument li jingħatalha minn detentur ta' liċenza taħt dan ir-regolament.

(4) Il-Kummissjoni tista', permezz ta' avviż bil-miktub, teħtieġ lil xi detentur ta' liċenza, persuni li jokkupaw pożizzjoni ta' tmexxija, membri tal-korp ta' persuni, kif ikun il-każ, jew lil xi uffiċjal tad-detentur ta' liċenza biex jattendu quddiemha jew quddiem xi uffiċjal maħtur minnha f'dak il-ħin u lok li jista' jiġi speċifikat minnha fl-avviż, biex iwieġbu għal mistoqsijiet u jipprovdu dik l-informazzjoni li tista' raġonevolment teħtieġ għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dawn ir-regolamenti:

Iżda meta l-Kummissjoni taħtar lil xi uffiċjal kif provdut taħt dan is-subregolament, dak l-uffiċjal jkollu, għall-finijiet li jwettaq il-funzjonijiet tiegħu taħt dik il-ħatra, is-setgħat kollha mogħtija lill-Kummissjoni b'dan ir-regolament u kull talba li huwa jagħmel għandha titqies li jkollha l-istess forza u effett daqslikieku kienet talba magħmula mill-Kummissjoni:

Iżda wkoll il-Kummissjoni tista' teħtieġ lil uffiċjal li hija tkun ħatret taħt dan is-subregolament jippreżenta rapport f'dik l-għamla li hija tista' tispeċifika.

(5) Meta l-persuna meħtieġa li tipprovdi informazzjoni taħt dan ir-regolament ma jkollhiex aċċess għal dik l-informazzjoni, dik il-persuna għandha tiżvela lill-Kummissjoni fejn, bl-aħjar mod li hi taf, tkun tista' tinsab dik l-informazzjoni jew dokumentazzjoni u l-Kummissjoni tista' teħtieġ lil kull persuna li tidher li jkollha għandha dik l-informazzjoni jew dokumentazzjoni biex tipprovdiha.

(6) Kull informazzjoni provduta taħt dan ir-regolament tista' tintuża bħala evidenza kontra l-persuna li tkun qiegħda tipprovdi dik l-informazzjoni kif ukoll kontra kull persuna jew detentur ta' liċenza li dik l-informazzjoni tkun tirreferi għalihom.

(7) Il-Kummissjoni tista', meta tqis li jkun hekk xieraq, u b'avviż bil-miktub lil detentur ta' liċenza, taħtar uffiċjal wieħed jew aktar biex jinvestigaw u jirrappurtaw dwar l-affarijiet tad-detentur ta' liċenza. Dak l-uffiċjal ikollu kull setgħa mogħtija lill-Kummissjoni b'dan ir-regolament u kull talba li huwa jagħmel għandha titqies li jkollha l-istess forza u effett daqslikieku kienet talba magħmula mill-Kummissjoni:

Iżda l-Kummissjoni tista' teħtieġ lil uffiċjal maħtur taħt dan is-subregolament jippreżenta rapporti *interim* u finali dwar il-konklużjonijiet tal-investigazzjoni f'dik l-għamla li tista' tispeċifika:

Iżda wkoll, meta minn investigazzjoni taħt dan ir-regolament jirriżultalha li d-detentur ta' liċenza investigat ikun naqas fl-obbligi tiegħu taħt dawn ir-regolamenti, il-Kummissjoni jkollha s-setgħa ġġiegħel lil dak id-detentur ta' liċenza jħallas l-ispejjeż kollha li jkollhom x'jaqsmu ma' dik l-investigazzjoni.

(8) Il-Kummissjoni tista' wkoll teżerċita s-setgħat tagħha taħt dan ir-regolament kif ġej:

(a) f'dak li għandu x'jaqsam ma' fergħa jew sussidjarja tad-detentur ta' liċenza;

(b) f 'dak li għandu x'jaqsam ma' xi persuna li kienet, f'xi żmien rilevanti, responsabbli għall-provditur jew għal xi fergħa jew sussidjarja tad-detentur ta' liċenza; u

(ċ) meta jkollha motivi biżżejjed li tissuspetta li persuna tkun qiegħda tikser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew xi linji gwida magħmulin mill-Kummissjoni skont dawn ir-regolamenti:

Iżda mingħajr preġudizzju għal kif japplika r-regolament 56, meta jinkiser ir-regolament 5(1), il-provditur responsabbli għal dak il-ksur għandu jingħata sena mid-data meta dak il-ksur jiġi notifikat lilu bil-miktub mill-Kummissjoni biex jikseb liċenza taħt dawn ir-regolamenti. Malli jiskadi dak il-perjodu, il-Kummissjoni jkollha s-setgħa tordna lil dak l-individwu jew korp ta' persuni jissospendi, għal dak il-perjodu li l-Kummissjoni tara li jkun xieraq biex dak il-provditur jikseb liċenza, kull attività li jkollha x'taqsam mal-provdiment mingħajr liċenza ta' edukazzjoni avvanzata jew ogħla:

Iżda wkoll, kull azzjoni meħuda mill-Kummissjoni taħt dan is-subregolament għandha tħares l-interessi tal-istudenti li jkunu qed isegwu programm mal-provditur rispettiv, bil-mod li jiġi żgurat li jkunu identifikati soluzzjonijiet sabiex dawn ikollhom l-opportunità li jlestu xi programm li jkunu bdew.

Koperazzjoni.

51. (1) Meta detentur ta' liċenza jkollu l-uffiċċju prinċipali tiegħu f'Malta u jkun ukoll jipprovdi edukazzjoni avvanzata jew ogħla barra minn Malta, jew meta detentur ta' liċenza jkun jopera bi sħab ma' provditur barrani, jew ikun jopera bħala fergħa, sussidjarju jew aġent ta' provditur barrani, il-Kummissjoni tista', abbażi ta' xi ftehim internazzjonali jew ta' reċiproċità, tagħmel dan li ġej:

(a) taqsam id-dmirijiet superviżorji, ta' akkreditament u ta' assikurazzjoni ta' kwalità tagħha ma' awtoritajiet kompetenti barranin oħra;

(b) tiżvela informazzjoni lil awtoritajiet kompetenti barranin, daqstant li l-awtoritajiet barranin li jirċievu l-informazzjoni jirrestringu l-użu tagħha għal finijiet superviżorji, regolatorji, ta' akkreditament u ta' assikurazzjoni ta' kwalità jew għal dawk il-finijiet l-oħra li jistgħu jiġu speċifikament miftiehma mal-Kummissjoni; u

(ċ) tawtorizza lil awtoritajiet kompetenti barranin li jwettqu huma nfushom, jew permezz tal-intermedjazzjoni ta' persuni kompetenti maħtura minnhom, investigazzjonijiet għal finijiet superviżorji u regolatorji fil-fergħat, sussidjarji jew uffiċċji tad-detentur ta' liċenza.

(3) Fit-twettiq tad-dmirijiet tagħha l-Kummissjoni għandha f'kull waqt tagħti lill-Ministru dik il-koperazzjoni li tista' tkun meħtieġa fit-twettiq tad-dmirijiet tal-Ministru.

Kunfidenzjalità.

52. (1) Ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti m'għandha tawtorizza lill-Kummissjoni tistħarreġ, jew titlob lill-provditur jistħarreġ, l-affarijiet personali ta' xi student individwali, ħlief għall-fini li jiżgura konformità ma' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*.

Kap. 440.

(2) Uffiċjali passati u preżenti tal-Kummissjoni m'għandhomx jiżvelaw informazzjoni miksuba minn detenturi ta' liċenza jew provdituri fit-twettiq ta' dmirijiethom taħt dawn ir-regolamenti. Dawk il-persuni huma marbuta bl-obbligu ta' segretezza professjonali, ħlief għall-fini tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, jew meta legalment meħtieġa jagħmlu dan minn xi qorti jew taħt id-dispożizzjoni ta' xi liġi.

Aktar setgħat tal-Kummissjoni.

53. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tagħmel u tippubblika linji gwida għall-protezzjoni tal-użu tal-frażijiet "università", "edukazzjoni ogħla", "edukazzjoni avvanzata", "istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla", "istituzzjoni ta' edukazzjoni avvanzata", "ċentru ta' edukazzjoni avvanzata", u "ċentru tat-tagħlim tal-Ingliż bħala lsien barrani" skont dawn ir-regolamenti.

Dispożizzjoni transitorja.

54. (1) Persuni jew korpi ta' persuni li jipprovdu edukazzjoni avvanzata jew ogħla mingħajr liċenza u provdituri li jkunu joperaw taħt liċenza li tkun teżisti fid-data meta jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti jistgħu jkomplu joperaw sa tliet snin mid-data meta jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti, u għandhom, sa dak iż-żmien, japplikaw biex jiksbu liċenza taħt dawn ir-regolamenti. Jekk jonqsu milli jiksbu dik il-liċenza sat-tmien tal-perjodu stipulat, dan jikkostitwixxi ksur mill-provditur ta' dawn ir-regolamenti u l-operazzjoni mkomplija mill-provditur f'Malta ssir suġġetta għal

azzjoni mill-Kummissjoni skont dawn ir-regolamenti.

(2) Dawk l-applikazzjonijiet għal liċenza li għall-fini tal-provdiment ta' edukazzjoni avvanzata jew ogħla f'Malta jkunu pendenti ma jkunux aktar validi mid-data li fiha jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti. F'dak il-każ, il-provditur li jkun applika għandu jagħmel applikazzjoni ġdida skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

L-EWWEL SKEDA

[Regolamenti 8(6) u 46]

PROVDITUR AKKREDITAT MINNU NNIFSU

1. "Provditur akkreditat minnu nnifsu" tfisser università, istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla jew istituzzjoni ta' edukazzjoni avvanzata pubblika jew privata mwaqqfa bħala provditur akkreditat minnu nnifsu bl-Att jew b'regolamenti magħmulin taħtu, jew b'kull liġi oħra, li bis-saħħa ta' dak l-i*status*, jista' jakkredita minnu nnifsu programmi eżistenti u ġodda u hu eżenti minn akkreditament tal-provditur u tal-programm għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti. Provdituri akkreditati minnhom infushom m'għandhomx is-setgħa li jakkreditaw provdituri oħra jew il-programmi tagħhom.

2. "Provditur mhux akkreditat minnu nnifsu" hu provditur pubbliku jew privat li jeħtieġ akkreditament tal-provditur u tal-programm mill-Kummissjoni taħt dawn ir-regolamenti biex jipprovdi edukazzjoni avvanzata jew ogħla f'Malta jew barra minn Malta.

3. Bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti, dawn li ġejjin huma provdituri akkreditati minnhom infushom:

(a) l-Università ta' Malta, għal programmi sa u li jinkludu il-livell 8 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki;

(b) il-Kulleġġ Malti tal-Arti Xjenza u Teknoloġija, għal programmi sa u li jinkludu il-livell 6 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki; u

(ċ) l-Istituzzjoni għal Studji Turistiċi, għal programmi sa u li jinkludu il-livell 5 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki.

IT-TIENI SKEDA

[Regolament 9(1)]

KATEGORIJI TA' LIĊENZI TA' PROVDITURI

Kategorija 1: "Università"

Liċenza biex topera bħala "università" tippermetti lil provditur mwaqqaf bħala "Università" taħt l-Att jew b'regolamenti magħmulin taħtu, jew b'kull liġi oħra, u kull provditur li ma jkunx hekk imwaqqaf biex jipprovdi "programmi ta'

edukazzjoni ogħla" akkreditati, kif imfissra fit-Tielet Skeda, inklużi dawk li dwarhom ir-rikonoxximent ikun mogħti minnu jew xort'oħra.

Biex ikun eliġibbli jingħata liċenza bħala università, provditur għandu jkun korp ta' persuni u provditur ta' programmi ta' edukazzjoni ogħla li dwarhom ir-rikonoxximent ikun mogħti minnu.

Kategorija 2: "Istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla"

Liċenza biex topera bħala "istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla" tippermetti lil provditur biex jipprovdi "programmi ta' edukazzjoni ogħla" akkreditati, kif imfissra fit-Tielet Skeda, sew li dwarhom ir-rikonoxximent jkun mogħti minnu jew xort'oħra. Din il-liċenza tinkludi istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla mwaqqfa bl-Att jew b'regolamenti magħmulin taħtu jew b'kull liġi oħra. Tinkludi wkoll lil provdituri li ma jkunux hekk imwaqqfa.

Biex ikun eliġibbli jingħata liċenza bħala "istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla", provditur għandu jkun korp ta' persuni.

Liċenza biex topera bħala "istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla" ma tawtorizzax lil provditur biex jipprovdi "programmi ta' edukazzjoni avvanzata" kif imfissra fit-Tielet Skeda.

Kategorija 3: "Istituzzjoni ta' edukazzjoni avvanzata"

Liċenza biex topera bħala "istituzzjoni ta' edukazzjoni avvanzata" tippermetti lil provditur biex jipprovdi "programmi ta' edukazzjoni avvanzata" akkreditati, kif imfissra fit-Tielet Skeda, sew li dwarhom ir-rikonoxximent jkun mogħti minnu jew xort'oħra. Din il-liċenza tinkludi istituzzjonijiet ta' edukazzjoni avvanzata mwaqqfa bl-Att jew b'regolamenti magħmulin taħtu jew b'kull liġi oħra. Tinkludi wkoll provdituri li ma jkunux hekk imwaqqfa.

Biex ikun eliġibbli jingħata liċenza bħala "istituzzjoni ta' edukazzjoni avvanzata", provditur għandu jkun korp ta' persuni.

Liċenza biex topera bħala "istituzzjoni ta' edukazzjoni avvanzata" ma tawtorizzax lil provditur biex jipprovdi "programmi ta' edukazzjoni ogħla" kif imfissra fit-Tielet Skeda.

Kategorija 4: "Ċentru ta' edukazzjoni avvanzata"

Liċenza biex topera bħala 'ċentru ta' edukazzjoni avvanzata" tippermetti lil provditur biex jipprovdi "programmi ta' edukazzjoni avvanzata" akkreditati, kif imfissra fit-Tielet Skeda, li dwarhom ir-rikonoxximent ma jkunx mogħti minnu.

Biex ikun eliġibbli jingħata liċenza bħala "ċentru ta' edukazzjoni avvanzata", il-provditur għandu jkun individwu u m'għandux ikun korp ta' persuni.

Liċenza biex topera bħala "ċentru ta' edukazzjoni avvanzata" ma tawtorizzax lil provditur biex jipprovdi "programmi ta' edukazzjoni avvanzata" li dwarhom ir-rikonoxximent jkun mogħti minnu jew "programmi ta' edukazzjoni ogħla" kif imfissra fit-Tielet Skeda.

Kategorija 5: "Ċentru tat-tagħlim tal-Ingliż bħala lsien barrani"

Liċenza biex topera bħala "ċentru tat-tagħlim tal-Ingliż bħala lsien barrani" tippermetti lil provditur biex jipprovdi, bħala l-missjoni prinċipali tiegħu, tagħlim mhux obbligatorju fil-lingwa Ingliża lil kelliema mhux indiġeni permezz ta' "programmi ta' edukazzjoni avvanzata" akkreditati, kif imfissra fit-Tielet Skeda, sew li dwarhom ir-rikonoxximent ikun mogħti minnu jew xort'oħra.

Liċenza biex topera bħala "ċentru tat-tagħlim tal-Ingliż bħala lsien barrani" ma tawtorizzax lil provditur biex jipprovdi dan li ġej:

(a) "programmi ta' edukazzjoni ogħla" kif imfissra fit-Tielet Skeda; jew

(b) "programmi ta' edukazzjoni avvanzata', kif imfissra fit-Tielet Skeda, li ma jkunux iddisinjati għat-tagħlim tal-lingwa Ingliża lil kelliema mhux indiġeni:

Iżda l-Kummissjoni tista' takkredita lil "ċentru tat-tagħlim tal-Ingliż bħala lsien barrani" biex jipprovdi "programmi ta' edukazzjoni avvanzata" u "programmi ta' edukazzjoni ogħla" li jservu biex tinkiseb kwalifika sabiex persuna tkun tista' tgħallem l-Ingliż bħala lsien barrani.

IT-TIELET SKEDA

[Regolament 43]

KATEGORIJI TA' AKKREDITAMENT TAL-PROGRAMM

"Programm ta' edukazzjoni avvanzata"

Programm formali ta' edukazzjoni mhux obbligatorja li jkun akkademiku, vokazzjonali jew professjonali u jkun akkreditat mill-Kummissjoni taħt dawn ir-regolamenti bħala wieħed li jwassal għal kwalifika nazzjonali klassifikata sa u inkluż il-Livell 4 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki jew kwalifika barranija f'livell komparabbli.

"Modulu ta' edukazzjoni avvanzata"

Parti minn "programm ta' edukazzjoni avvanzata" offrut minn provditur li

simultanjament joffri "programm ta' edukazzjoni avvanzata" wieħed jew aktar, akkreditat mill-Kummissjoni taħt dawn ir-regolamenti bħala modulu u li jservi biex tinkiseb, biss f'parti, kwalifika nazzjonali klassifikata sa u inkluż il-Livell 4 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki jew kwalifika barranija f'livell komparabbli.

"Programm ta' edukazzjoni ogħla"

Programm formali ta' edukazzjoni mhux obbligatorja, taħriġ jew riċerka li jkun akkademiku, vokazzjonali jew professjonali u jkun akkreditat mill-Kummissjoni taħt dawn ir-regolamenti bħala wieħed li jwassal għal kwalifika nazzjonali bit-titlu ta' Grad, Ċertifikat, Diploma jew xi titlu ieħor bħal dawk fil-Livell 5 jew ogħla tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki jew kwalifika barranija b'titlu bħal dawk f'livell komparabbli.

"Modulu ta' edukazzjoni ogħla"

Parti minn "programm ta' edukazzjoni ogħla" offrut minn provditur li simultanjament joffri "programm ta' edukazzjoni ogħla" wieħed jew aktar, akkreditat mill-Kummissjoni taħt dawn ir-regolamenti bħala modulu u li jservi biex tinkiseb, biss f'parti, kwalifika nazzjonali fil-Livell 5 jew ogħla tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki jew kwalifika barranija f'livell komparabbli.

"Programm approvat ta' edukazzjoni avvanzata barranija"

Programm formali ta' edukazzjoni mhux obbligatorja li jkun akkademiku, vokazzjonali jew professjonali u jkun akkreditat minn aġenzija ta' akkreditament rikonoxxuta barranija, li jwassal għal rikonoxximent mogħti minn provditur barrani u għal kwalifika barranija klassifikata bħala komparabbli mal-livell li jasal sa u jinkludi l-Livell 4 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki. Dan il-programm ma jwassalx għal kwalifika nazzjonali.

"Programm approvat ta' edukazzjoni ogħla barranija"

Programm formali ta' edukazzjoni mhux obbligatorja, taħriġ jew riċerka li jkun akkademiku, vokazzjonali jew professjonali u jkun akkreditat minn aġenzija ta' akkreditament rikonoxxuta barranija, li jwassal għal rikonoxximent mogħti minn provditur barrani ta' edukazzjoni ogħla u li jwassal għal kwalifika barranija klassifikata f'livell komparabbli mal-Livell 5 jew ogħla tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki. Dan il-programm ma jwassalx għal kwalifika nazzjonali.